Parroċċa San Sebastjan Martri, Ħal Qormi

# Sliem u Ħajja

*festa 2024*





*Il-Knisja ż-Żgħira ta' San Sebastjan Martri tal-Parroċċa tagħna li din is-sena jaħbat il-5 anniversarju mill-Konsagrazzjoni tagħha mill-Arċisqof ta' Malta Charles J. Scicluna nhar il-25 ta' Ottubru 2019*

Pubblikazzjoni tal-Parroċċa

# FESTA TITULARI 2024

Għadd 224

Parroċċa San Sebastjan Qormi

parrocca.qormi.sb@maltadiocese.org

www.qormisbparish.org

**Bord Editorjali:**
Kan. Arċipriet Dun Ewkarist Zammit
Tiziana Azzopardi
Joseph Busuttil
Mario Cardona
Jurgen Debono
Charles Saliba
Jake Vella
Matthew Zammit

**Ritratti:**
Arċidjoċesi ta' Malta
Roberto Farrugia
Charles Saliba
Matthew Zammit

**Disinn, Issettjar u Stampar:**
Best Print Ltd, Qrendi

**Fil-qoxra:** ***Dettall ta' wieħed mill-panewijiet tal-pedestall tal-vara titulari ta' San Sebastjan Martri maħdum fis-sena 2004 fl-injam minn Joseph Galdes u indurat minn Horace Farrugia fuq disinn ta' Renzo Gauci***

## Werrej

Messaġġ tal-Arċipriet ........................................ 2

Festa Titulari
ta' San Sebastjan Martri 2024
Programm tal-Festi ta' Ġewwa .................... 6
Programm tal-Festi ta' Barra ...................... 13

Djarju Parrokkjali 2023/2024 ....................... 21

Nifirħu u Nawguraw ........................................ 31

Mill-Istorja tal-Parroċċa.................................. 33

Xi jfisser għalija li jiena msejjaħ
biex inkun saċerdot?................................. 37

It-Talb Illum: Vjaġġ għal Tama Ġdida.......... 44

Il-Ġublew tat-Tama ......................................... 49

Il-Kult u l-Ikonografija ta' San Sebastjan
Martri ........................................................ 55

Saint Sebastian Parish - Our Community ... 61

Intervista ma' Suor Bartolomea Gauci.......... 63

Min hu l-Abbati?............................................... 66

L-esperjenza ta' żewġ abbatini
mill-Parroċċa tagħna fil-Vatikan .............. 70

Dun Gino Mangion – 50 Anniversarju
mill-Mewt Tiegħu (1942-1974)............. 72

L-Aħwa Attard fl-Għalqa tal-Mulej ............. 75

Mill-Faċċati tas-Sagristan ............................... 77

Dawl Ġdid u Sostenibbli
għall-Knisja Arċipretali ............................ 84

Il-Proġett tal-Istatwa l-Ġdida ta' San Sebastjan
għat-Tfal ................................................... 87

Growing Together – Grupp Ġdid
għall-Għarajjes u Miżżewġin Ġodda...... 89

Il-Jum Dinji taż-Żgħażagħ 2023
– Is-Sehem tal-Grupp taż-Żgħażagħ
IMPACT.................................................... 91

Ir-Relikwarju ta' San Sebastjan Martri.......... 93

# "Suldat tajjeb ta' Kristu Ġesù" (2 Tim 2, 3)

*Messaġġ tal-Arċipriet*



Il-Papa Franġisku, fir-riflessjoni tiegħu dwar x'għandha bżonn il-Knisja llum, jistqarr: "Il-Knisja huma l-qaddisin li jmexxuha 'l quddiem. Mingħajrhom, il-Knisja ma tistax tibqa' miexja 'l quddiem. Il-Knisja għandha bżonn tal-qaddisin ta' kuljum, dawk tal-ħajja ordinarja, li jmexxuha b'koerenza; imma anki ta' dawk li għandhom il-kuraġġ jilqgħu l-grazzja li jkunu xhieda sat-tmiem, sal-mewt. Dawn kollha huma d-demm ħaj tal-Knisja. Huma x-xhieda li jmexxu l-Knisja 'l quddiem; dawk li jagħtu xhieda li Ġesù qam tassew, li Ġesù hu ħaj, u dan jixhduh bil-koerenza ta' ħajjithom u bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu li huma rċivew bħala don."

Nistqarr magħkom li waħda mill-grazzji kbar li l-Mulej tani f'dawn is-snin li issa ilni magħkom bħala Arċipriet fil-Parroċċa, kienet li niltaqa' mill-viċin max-xhieda qaddisa tal-patrun tagħna San Sebastjan. B'ammirazzjoni dejjem laqatni l-fatt kif dan iż-żagħżugħ kuraġġuż għażel li jħobb lil Ġesù fuq kollox u li saħansitra wasal ukoll biex jagħti ħajtu għalih billi jxerred demmu ħalli b'hekk jistqarr il-fidi tiegħu fiH. Tant tolqotni din ix-xhieda ta' mħabba li ninqabad ħafna miegħi nnifsi nistaqsi d-domanda u ngħid: imma kif wasal s'hawn? Xħin wieħed jaħseb ftit, jintebaħ kemm Sebastjan f'ħajtu kellu ħafna opportunitajiet biex jagħmel karriera brillanti għaliex huwa ġie edukat f'Milan, sar suldat u daħal mal-gwardji pretorjani, hemmhekk malajr ingħata karigi għolja għax rebaħ il-fiduċja tal-Imperaturi Dijoklezjanu u Massiminu u fil-fatt sar wieħed mill-gwardji personali tal-Imperatur.

Sebastjan f'ħajtu żgur li apprezza li kien suldat ta' fiduċja kbira imma dan kollu għalih ma kienx biżżejjed. Nistħajjel kif maż-żagħżugħ għani jistaqsi u jgħid: x'jonqosni iżjed? Dak li mlielu ħajtu bil-ferħ kien il-fatt li hu, bħala nisrani, iltaqa' tassew ma' Ġesù u għaraf li hu tassew maħbub. Tant daħal fil-fond fir-relazzjoni tiegħu ma' Alla li qalbu u ħajtu mtlew bil-ferħ u hu, b'kuraġġ u perseveranza, għażel li jgħix ta' nisrani bħala risposta għal din l-istess imħabba. Fejn kien jidħol Alla ma kienx lest li xi ħadd jew xi ħaġa tieħu postU għax għalih, Alla kellu l-ewwel post. Huwa fehem tajjeb il-kliem ta' Ġesù: "Kif il-fergħa ma tistax tagħmel frott minnha nfisha jekk ma tibqax fid-dielja, hekk anqas intom jekk ma tibqgħux fija. Jiena d-dielja, intom il-friegħi. Min jibqa' fija u jiena fih, dan jagħmel ħafna frott; għax mingħajri ma tistgħu tagħmlu xejn." (Ġw 15, 4-5)

Sebastjan ma kienx kuntent li sab lil Ġesù waħdu u għalhekk, imqanqal mill-grazzja ta' Alla, kien determinat li jwassal it-tama tiegħu fi Kristu lil oħrajn. L-Arċisqof Charles J. Scicluna jirrimarka li dan iż-żagħżugħ, "bl-imħabba tiegħu lejn Alla, ħeġġeġ anke lil ħaddieħor biex jagħraf lil Ġesù bħala s-Salvatur tiegħu." Min jaf kemm ħeġġeġ nies biex

isiru nsara u dixxipli tal-Mulej! Min jaf kemm farraġ u wieżen lil insara li kienu fil-ħabs u jitlobhom biex jibqgħu fidili lejn is-sejħa tagħhom! Dan kollu hu xhieda kemm Sebastjan kien nisrani konvint u għalhekk jistħoqqlu jissejjaħ Sebastianus Christianus.

Sebastjan, li sammar ħarstu fuq Ġesù, biex jgħix u jaqdi dmiru ta' nisrani kellu jħallas prezz għoli għax id-dinja ma tgħożżx il-valuri tal-Evanġelju. Għalhekk huwa jaffaċċja żewġ martirji li għad-dinja dehru bħala kastig imma għalih kienu l-kuruna tar-rebħa. Il-Papa Franġisku, meta jitkellem fuq il-martri ta' Kristu, josserva li "huma kellhom il-grazzja li jistqarru lil Ġesù sal-aħħar, sa mewthom. Huma jbatu, huma jagħtu ħajjithom, u aħna nirċievu l-barka ta' Alla minħabba fix-xhieda tagħhom."

Ejjew nitolbu lil Alla biex din il-festa, li fiha se niċċelebraw lil dan is-"**suldat tajjeb ta' Kristu Ġesù**" (2 Tim 2, 3), inħalluha tkun mument ta' grazzja ħalli aħna u nħejju ruħna biex flimkien mal-Knisja ngħixu flimkien is-Sena tal-Ġublew, bl-interċessjoni ta' San Sebastjan u fuq l-eżempju tiegħu, nagħrfu li aħna bħala nsara ma għandna qatt nitilfu t-tama tagħna f'Alla u ma nħallu xejn u ħadd jifridna mill-imħabba tiegħU. Imqanqlin mill-grazzja ta' Alla, dan jista' jseħħ fina billi bħalu nkunu għaqlin u nagħżlu dejjem lil Kristu u nħallu ħarsitna msammra dejjem fuqu biex hekk infittxu l-ogħla ġid għalina nfusna u għal dawk ta' madwarna u bħal Sebastjan insiru dawl li jlissen tama u kuraġġ fis-soċjetà fejn ngħixu.

Il-festa t-tajba lil kulħadd u nitlob biex il-barka ta' Alla tistrieħ dejjem fuqkom u fuq il-familji tagħkom!

**Kan. Dun Ewkarist Zammit**







MIKE SERVICE STATION LTD.
Triq il-Kbira, Ħal Qormi QRM 1109
TEL: 2148 7007/2149 5279
MIKE
SERVICE STATION
enemed



Għall-irħas
xirja...
PAVI
SHOPPING COMPLEX
QORMI
PAMA
SHOPPING VILLAGE
MOSTA
SUPER
PRICES
EVERYDAY
Kulħadd jaf!
PAVIPAMA.COM.MT

# Festa Titulari ta' San Sebastjan Martri 2024

## *Programm tal-Festi ta' Ġewwa*

### It-Tnejn 8 u t-Tlieta 9 ta' Lulju

**8:30pm** Id-Drama Pageant Group b'kollaborazzjoni mal-Parroċċa u l-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi jippreżentaw id-dramm ***Suldat ta' Kristu*** fuq kitba u direzzjoni ta' Shaun Formosa fiċ-Ċentru Parrokkjali.

### Il-Ħamis 11 ta' Lulju | Nitolbu biex mill-festa joħroġ ġid spiritwali

**6:00pm** Qrar fil-Knisja Arċipretali

**6:30pm** Quddiesa u Adorazzjoni Ewkaristika animata mis-saċerdoti tal-Parroċċa biex nitolbu ħalli l-festa tħalli ġid spiritwali fina lkoll u tkun mezz biex fuq l-eżempju ta' San Sebastjan nersqu aktar lejn Alla.
Imexxi Mons. Dun Joe Borg, Direttur tal-Appostolat tal-Baħar

### Il-Ġimgħa 12 ta' Lulju | Jum iż-Żgħażagħ

**7:30pm** Quddiesa fil-pjazza tal-Knisja ż-Żgħira organizzata mill-grupp taż-żgħażagħ IMPACT flimkien mal-Kummissjoni Żgħażagħ Bastjaniżi. Iż-żgħażagħ kollha mħeġġa jattendu.
Imexxi Patri Clive Camilleri OFM, Gwardjan tal-Komunità Franġiskana Minuri fir-Rabat, Malta

### Is-Sibt 13 ta' Lulju | Jum il-Komunità

**6:30pm** Quddiesa għal ħutna mhux Maltin li jgħixu fil-komunità tagħna.
Imexxi l-Kan. Dun Dillon Bugeja, Viċi Arċipriet

**8:00pm** Lejla Qormija b'risq il-festa organizzata mill-Parroċċa fuq iz-zuntier tal-Knisja Arċipretali.

### Il-Ħadd 14 ta' Lulju | Jum is-Sodalità ta' San Sebastjan

**11:00am** Quddiesa li fiha jiġi ċċelebrat is-Sagrament tal-Magħmudija.
Imexxi l-Kan. Dun Ewkarist Zammit, Arċipriet

**6:00pm** Quddiesa bis-sehem tal-fratelli tal-Parroċċa li fiha jingħata l-mandat lir-reffiegħa tal-vara titulari fil-purċissjoni tal-festa.
Imexxi r-Rev. Prof. Carl-Mario Sultana, Delegat għall-Edukazzjoni Reliġjuża

**8:00pm** Lejla Qormija b'risq il-festa organizzata mill-Parroċċa fuq iz-zuntier tal-Knisja Arċipretali.

## It-Tnejn 15 ta' Lulju | Jum il-Preżentazzjoni tat-Trabi lil San Sebastjan

**6:15pm** L-għaqdiet tal-Parroċċa u tal-festa jinġabru fil-Knisja ż-Żgħira għal mument qasir ta' talb u wara korteo sa quddiem l-istatwa tal-ġebel ta' San Sebastjan fejn titqiegħed kuruna ta' rand u fjuri bi mħabba lejn il-patrun tagħna.

**7:00pm** Quddiesa bis-sehem tal-familji u t-trabi tagħhom li twieldu matul din l-aħħar sena li tintemm bil-preżentazzjoni tat-trabi lil San Sebastjan.
Imexxi Fr Eric Cachia SDB, Provinċjal tas-Salesjani ta' Don Bosco f'Malta

**8:15pm** Ħruġ tal-vara titulari ta' San Sebastjan fuq iz-zuntier tal-Knisja Arċipretali bis-sehem tas-Soċjetà Filarmonika Pinto Banda San Sebastjan.

## It-Tlieta 16 ta' Lulju | Jum it-Tfal

**7:00pm** Quddiesa bis-sehem tat-tfal u l-familji tal-Parroċċa tagħna.
Imexxi Dun Karl Andrew Schembri, saċerdot novell.
Wara l-Quddiesa ssir purċissjoni bl-istatwa ż-żgħira ta' San Sebastjan li tgħaddi mit-toroq: il-Vitorja, San Bastjan, San Bartilmew u tintemm fil-Knisja ż-Żgħira. Matul it-triq isiru mumenti ta' riflessjoni quddiem l-istatwi tal-ġebel ta' San Ġorġ u San Sebastjan.
Jieħdu sehem is-Soċjetà Mużikali Santa Katarina V. M. taż-Żurrieq u d-Drama Pageant Group tal-Parroċċa.

## L-Erbgħa 17 ta' Lulju | L-Ewwel Jum tat-Tridu - Jum l-Anzjani u l-Morda

**6:30pm** Qrar fil-Knisja Arċipretali.

**7:00pm** Quddiesa bis-sehem tal-anzjani u l-morda Qriema flimkien mal-familji tagħhom.
Imexxi Dun Joe Meli, Kappillan tal-Forzi Armati ta' Malta, li qed jiċċelebra l-40 anniversarju mill-Ordinazzjoni Saċerdotali. Il-priedka ssir mill-Kan. Dun Dillon Bugeja, Viċi Arċipriet.
Wara l-Quddiesa nitolbu l-Kurunella lil San Sebastjan, Innu tal-Martri. Antifona, Barka Sagramentali u Innu Popolari.

## Il-Ħamis 18 ta' Lulju | It-Tieni Jum tat-Tridu - Jum il-Familja

**6:30pm** Qrar fil-Knisja Arċipretali.

**7:00pm** Quddiesa bis-sehem tal-familji tal-Parroċċa b'mod speċjali l-koppji li din is-sena qed ifakkru l-10, 25, 30, 40, 50 u 60 anniversarju miż-żwieġ tagħhom.
Imexxi Mons. Dun Frans Abdilla li qed jiċċelebra l-40 anniversarju mill-Ordinazzjoni Saċerdotali. Il-priedka ssir mill-Kan. Dun Dillon Bugeja, Viċi Arċipriet.
Wara l-Quddiesa nitolbu l-Kurunella lil San Sebastjan, Innu tal-Martri, Antifona, Barka Sagramentali u Innu Popolari.

### Il-Ġimgħa 19 ta' Lulju | It-Tielet Jum tat-Tridu - Jum il-Parroċċa u l-Għaqdiet

**6:30pm** Qrar fil-Knisja Arċipretali.

**7:00pm** Quddiesa bis-sehem tal-kleru tal-Parroċċa flimkien mas-saċerdoti u r-reliġjużi Qriema, il-Kunsill Pastorali Parrokkjali, membri tal-għaqdiet u l-kummissjonijiet tal-Parroċċa, il-katekisti u dawk li jagħtu sehemhom fil-ħajja tal-Parroċċa. Jieħdu sehem ukoll il-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi, l-għaqdiet ċivili, sportivi u tal-festa. Stedina speċjali lill-emigranti Qriema li jinsabu fostna u l-Qriema li jgħixu barra minn Ħal Qormi.
Imexxi Mons. Dun Charles Cordina, ex-Kappillan u Vigarju Episkopali għad-Djakonija, li qed jiċċelebra l-50 anniversarju mill-Ordinazzjoni Saċerdotali.
Il-priedka ssir mill-Kan. Dun Dillon Bugeja, Viċi Arċipriet.
Wara l-Quddiesa nitolbu l-Kurunella lil San Sebastjan, Innu tal-Martri, Antifona, Barka Sagramentali u Innu Popolari.

### Is-Sibt 20 ta' Lulju | Lejliet il-Festa

**7:30am** Qrar fil-Knisja Arċipretali.

**8:30am** Quddiesa ta' ringrazzjament lil Alla li tintemm bil-kant tal-Innu ta' Radd il-Ħajr - Te Deum.
Imexxi l-Kan. Dun Dillon Bugeja, Viċi Arċipriet.

**5:30pm** Quddiesa letta fil-Knisja Arċipretali.

**6:30pm** Tranżlazzjoni Solenni tar-relikwa ta' San Sebastjan Martri mill-Knisja ż-Żgħira għall-Knisja Arċipretali li tintemm bil-kant tal-Innu tal-Martri u l-Antifona.
Imexxi l-Kan. Dun Vinċenz Borg li qed jiċċelebra l-50 anniversarju mill-Ordinazzjoni Saċerdotali

**7:15pm** Quddiesa Solenni bil-kant tal-Ewwel Għasar li tintemm bil-Barka Sagramentali.
Imexxi l-Kan. Dun Vinċenz Borg.

### Il-Ħadd 21 ta' Lulju | Jum il-Festa

Il-Quddies filgħodu tkun fis-6:30am, fit-8:00am u fil-11:00am

**9:00am** Pontifikal Solenni tal-festa ppresedut mill-E.T. Mons. Joseph Galea Curmi, Isqof Awżiljarju, li jinseġ il-paniġierku ta' tifħir lil San Sebastjan.

**6:00pm** Quddiesa Solenni ċċelebrata minn Dun Malcolm Saliba, saċerdot novell.

**7:15pm** Ħruġ tal-purċissjoni bil-vara titulari ta' San Sebastjan Martri li tgħaddi mit-toroq: il-Vitorja, San Rafel, San Bastjan, San Bartilmew, il-Kbira, San Bastjan u San Bartilmew.
Imexxi Dun Malcolm Saliba

**10:30pm** Dħul tal-purċissjoni fil-Knisja Arċipretali bil-kant tal-Antifona u Barka Sagramentali.

**It-Tnejn 29 ta' Lulju | Dħul tal-vara fin-niċċa**

**6:30pm** Quddiesa ta' radd il-ħajr lil Alla li tintemm bid-dħul tal-vara titulari ta' San Sebastjan Martri lura fin-niċċa.
Imexxi l-E.T. Mons. Giovanni Cefai MSSP, Isqof ta' Santiago Apóstol de Huancané fil-Perù
Fi tmiem il-Quddiesa tiġi ppreżentata somma ta' karità miġbura fir-Randan li għadda fil-Parroċċa tagħna b'risq il-proġett tal-bini ta' skola fil-Perù.

- Ilkoll imħeġġa nattendu bi ħġarna għall-funzjonijiet li jsiru fil-Knisja Arċipretali fil-jiem tal-festa.
- Il-festa ma tistax tkun kompluta jekk ma nersqux għas-Sagrament tal-Qrar.
- Il-Kor Parrokkjali taż-Żgħażagħ ikun taħt it-tmexxija tad-direttur Jurgen Debono.
- Fil-jiem tat-Tridu, lejliet u nhar il-festa jagħti s-sehem tiegħu l-Coro Bel Canto u l-orkestra taħt it-tmexxija tad-direttur Hermann Farrugia Frantz.
- Id-donazzjonijiet tal-Bukkett ta' Mħabba ta' quddiem il-vara ta' San Sebastjan se jmorru għall-proġett tad-dawl tal-koppla u tal-Knisja Arċipretali minn barra. Nirringrazzjawkom bil-quddiem tal-ġenerożità tagħkom.
- Il-Parroċċa tirringrazzja lil dawk kollha li jagħtu sehemhom b'ħafna mħabba u dedikazzjoni mhux biss fil-ġranet tal-festa imma matul is-sena kollha.
- L-Arċipriet u l-Kleru tal-Parroċċa jixtiequ jawguraw il-festa t-tajba lil kulħadd!



alfgatt
autoparts



2148 8653/2149 0270

sgatt@isg.com.mt

AlfGatt Autoparts



PHILIPS
AVENT
Natural Response Teat
Il-ħalib joħroġ biss waqt li t-tarbija tkun qed tixrob, bħal meta tkun qed tixrob mis-sider tal-omm.
It-teknoloġija tal-'Air Free' vent iżżomm il-ħalib fil gażaża, li jirriżulta f'inqas arja, b'hekk it-tarbija tesperjenzja anqas gass fl'istonku. *
it-trabi huma kollha uniċi.
Il-fliexken tat-tisqija tal-Avent huma uniċi bħalhom.
Il-prodotti ta l-Avent issibhom gewwa l-Ispiżeriji, ħwienet tat-trabi, Supermarkets u fuq www.botika.mt
Jigi ukoll bl-'Air Free' Vent ™
*Toffri aktar protjezzjoni kontra il-gass u l-indigestjoni billi iżżomm il-gażaża mimlija ħalib minflok arja, b'hekk tkun tista ukoll tisqi lit-tarbija waqt li tkun wieqfa.


CATERERS
FOR ALL FUNCTIONS
Pinto
Triq San Bartolomew | Qormi
2144 0373

JEFF'S
PASTIZZERIA
Triq San Bartolomew | Qormi
9940 5210

## Festa Titulari ta' San Sebastjan Martri 2024

*Programm tal-Festi ta' Barra*

### Il-Ġimgħa 5 ta' Lulju

**9:00pm** Green Gathering għaż-żgħażagħ fil-każin tal-Banda Pinto organizzata mill-Kummissjoni Żgħażagħ Bastjaniżi.

### Is-Sibt 6 ta' Lulju

**8:00pm** Lejla Sajfija organizzata mill-Kummissjoni Żgħażagħ Bastjaniżi u l-Għaqda tan-Nar San Sebastjan fil-Qormi San Bastjan Boċċi Club.

### L-Erbgħa 10 ta' Lulju

**5:30pm** Festin tal-festa għat-tfal organizzat minn Pintoninu Kids.

### Il-Ġimgħa 12 ta' Lulju

**9:00pm** Kunċert ġenerali ta' marċi brijużi u BBQ organizzat mis-Soċjetà Filarmonika Pinto Banda San Sebastjan quddiem il-każin tal-Banda Pinto.

### Is-Sibt 13 ta' Lulju

**5:00pm** Quddiesa fil-kumpless tan-nar u tberik tan-nar li ġie mħejji għall-festa.
Imexxi l-Kan. Dun Ewkarist Zammit, Arċipriet

**6:00pm** Riċeviment tal-festa organizzat mill-Għaqda tan-Nar San Sebastjan għall-membri u benefatturi.

### Il-Ħadd 14 ta' Lulju

**8:15am** Quddiesa tal-bidu tal-festa fi Triq Santa Marija.
Imexxi l-Kan. Dun Ewkarist Zammit, Arċipriet

**9:30am** Riċeviment tal-festa organizzat mis-Soċjetà Filarmonika Pinto Banda San Sebastjan għall-membri, bandisti, għaqdiet tal-festa u ċivili, benefatturi u persuni distinti.

**11:15am** Riċeviment tal-festa organizzat mill-Għaqda Armar San Sebastjan għall-membri u benefatturi.

### It-Tnejn 15 ta' Lulju

**8:00am** Ħruq piroretekniku tal-bomba, murtali u murtaletti.

**12:00pm** Ħruq pirotekniku tal-bomba, murtali u murtaletti.

**1:00pm** Ikla b'risq l-armar tal-festa organizzata mill-Għaqda Armar San Sebastjan.

**8:00pm** Marċ mis-Soċjetà Filarmonika Pinto Banda San Sebastjan minn quddiem il-każin tal-Banda Pinto sa quddiem il-Knisja Arċipretali.

**8:15pm** L-Għaqda tan-Nar San Sebastjan issellem lill-vara titulari bi ħruq ta' salut, kaxxa nfernali Spanjola u settijiet ta' murtali tal-beraq bil-logħob u murtaletti.

Is-Soċjetà Filarmonika Pinto Banda San Sebastjan issellem lill-vara titulari u tkompli b'marċ fit-toroq: il-Vitorja, Antonio Muscat Fenech, San Dwardu, iż-Żinżel, San Bastjan, San Benedittu, San Bartilmew, il-Kbira, Correa u San Bastjan sa quddiem il-każin tal-Banda Pinto.

**9:00pm** Ħruq piroteknku ta' sferi, blalen, murtali bil-beraq ikkulurit, murtali fuq il-bukketti u murtali tal-kulur.

## It-Tlieta 16 ta' Lulju

**1:00pm** Ikla b'risq in-nar tal-festa organizzata mill-Għaqda tan-Nar San Sebastjan.

**9:00pm** Marċ brijuż mis-Soċjetà Mużikali Santa Katarina V. M. taż-Żurrieq li jibda minn quddiem il-Knisja ż-Żgħira u jgħaddi mit-toroq: Santa Marija, San Benedittu, il-Kbira, Correa, il-Ħabbież, il-Ġunġlien, Amleto Spiteri, it-Tensila, il-Ħabbież, Ġużeppi Ciappara, il-Kbira, San Ġużepp u San Bastjan sa quddiem il-Knisja ż-Żgħira.

**10:30pm** Tlugħ tal-istatwa ta' San Sebastjan Difensur tal-Fidi fuq il-pedestall fi Triq il-Ħabbież.

**10:45pm** Spettaklu ta' karti sinkronizzat mal-mużika maħduma mill-Kummissjoni Żgħażagħ Bastjaniżi.

**11:30pm** Wirja piroteknika ta' logħob tan-nar tal-art fil-pjazza tal-Knisja ż-Żgħira.

## L-Erbgħa 17 ta' Lulju | L-Ewwel Jum tat-Tridu

**8:00am** Ħruq piroteknku tal-bomba, murtali u murtaletti.

**12:00pm** Ħruq piroteknku tal-bomba, murtali u murtaletti.

**1:00pm** Ikla b'risq il-marċi tal-festa organizzata mill-Kummissjoni Attivitajiet fi ħdan is-Soċjetà Filarmonika Pinto.

**8:30pm** Marċ brijuż mill-Għaqda Mużikali Kristu Sultan Banda Paola ta' Raħal Ġdid li jibda minn quddiem il-każin tal-Banda Pinto u jgħaddi mit-toroq: San Bastjan, San Rafel, Ġużè Galea, San Dwardu, il-Ġdida, Ġużè Duca, Santa Katarina, il-Vitorja u San Bastjan sa quddiem il-każin tal-Banda Pinto.

**8:45pm** Ħruq piroteknku tal-bomba, murtali u murtaletti mal-Barka Sagramentali.

**9:15pm** Ħruq piroteknku ta' sferi, blalen, murtali bil-beraq ikkulurit, murtali fuq il-bukketti u murtali tal-kulur.

**12:00am** Sorpriża u wirja ta' dwal, mużika u piroteknika **Sound of Colours** maħduma mill-Kummissjoni Żgħażagħ Bastjaniżi.

## Il-Ħamis 18 ta' Lulju | It-Tieni Jum tat-Tridu

**8:00am** Ħruq piroteknku tal-bomba, murtali u murtaletti.

**12:00pm** Ħruq piroteknku tal-bomba, murtali u murtaletti.

**1:00pm** Ikla b'risq il-marċi tal-festa organizzata mill-Kummissjoni Banda fi ħdan is-Soċjetà Filarmonika Pinto.

**8:45pm** Ħruq piroteknku tal-bomba, murtali u murtaletti mal-Barka Sagramentali.

**9:15pm** Ħruq pirotekniku ta’ sferi, blalen, murtali bil-beraq ikkulurit, murtali fuq il-bukketti u murtali tal-kulur.

**9:15pm** Programm vokali u strumentali mis-Soċjetà Filarmonika Pinto Banda San Sebastjan fuq il-planċier quddiem il-każin tal-Banda Pinto.

**10:15pm** Inawgurazzjoni tal-ewwel minn fost sett ta’ pavaljuni ġodda ta’ Triq San Bartilmew fuq disinn tal-artist George James Cutajar Zahra.

## Il-Ġimgħa 19 ta’ Lulju | It-Tielet Jum tat-Tridu

**8:00am** Ħruq pirotekniku tal-bomba, murtali u murtaletti.

**12:00pm** Ħruq pirotekniku tal-bomba, murtali u murtaletti.

**1:00pm** Ikla b’risq il-briju tal-marċi organizzata mill-Kummisjoni Żgħażagħ Bastjaniżi.

**8:45pm** Ħruq pirotekniku tal-bomba, murtali u murtaletti mal-Barka Sagramentali.

**9:15pm** Wirja piroteknika li tibda bl-isfejjer u titkompla bi ħruq tal-murtali tal-beraq ikkulurit bil-logħob, murtali fuq il-bukketti, murtali tal-kulur, murtali bil-blalen u varjazzjoni ta’ blalen fit-tmiem.

**9:30pm** Marċ brijuż mis-Soċjetà Filarmonika Pinto Banda San Sebastjan li jibda minn quddiem il-każin tal-Banda Pinto u jgħaddi mit-toroq: San Bastjan, l-Armier, Patri G. Spiteri Fremond, il-Ġnien, Fontanier, Vjal de la Cruz, is-Sienja, Ġorġ Borg, Santu Rokku, il-Kunċizzjoni, l-20 ta’ Jannar, Amleto Spiteri, Correa, il-Flora u Mifsud Ellul.

**10:45pm** Is-Soċjetà Filarmonika Pinto Banda San Sebastjan tilqa’ l-istatwi ta’ San Sebastjan fl-Ewwel Martirju u ta’ San Sebastjan Rebbieħ li joħorġu minn Dar l-Armar fi Triq il-Kbira.

L-istatwa ta’ San Sebastjan fl-Ewwel Martirju tintrefa’ mit-tfal Bastjaniżi u tittella’ fuq il-pedestall tagħha fi Triq il-Kbira u l-istatwa ta’ San Sebastjan Rebbieħ tkompli f’dimostrazzjoni tul Triq San Bastjan akkumpanjata mill-kannizzata artistika fost briju organizzat mill-Kummissjoni Żgħażagħ Bastjaniżi.

**12:30am** Tlugħ tal-istatwa ta’ San Sebastjan Rebbieħ fuq il-pedestall quddiem il-każin tal-Banda Pinto fost il-briju tad-devoti u partitarji Qriema Bastjaniżi.

## Is-Sibt 20 ta’ Lulju | Lejljiet il-Festa

**9:00am** Ħruq pirotekniku ta’ kaxxa tal-bomba, murtaletti u murtali bil-logħob mal-kant tat-Te Deum.

**11:45am** Ħruq pirotekniku tal-bomba, murtali u murtaletti.

**6:30pm** Is-Soċjetà Filarmonika Pinto Banda San Sebastjan iddoqq innijiet u marċi proċessjonali waqt it-Tranżlazzjoni Solenni mill-Knisja ż-Żgħira sal-Knisja Arċipretali u wara jsegwi marċ pulit minn quddiem il-Knisja Arċipretali li jgħaddi mit-toroq: Patri G. Spiteri Fremond, il-Ġnien u San Bastjan sa quddiem il-każin tal-Banda Pinto.

**6:45pm** Ħruq piroteknikù b'tislima mill-Għaqda tan-Nar Sebastjan lir-relikwa ta' San Sebastjan Martri b'salut, kaxxa nfernali Spanjola, murtaletti u settijiet varjati ta' murtali tal-beraq bil-logħob.

**8:15pm** Programm vokali u strumentali mis-Soċjetà Filarmonika Maria Mater Gratiae ta' Ħaż-Żabbar fuq il-planċier quddiem il-każin tal-Banda Pinto.

**9:45pm** Wirja piroteknika **Fiesta Grande** li tibda bi spettaklu piro-mużikali li jinkludi varjazzjoni ta' baraxxijiet, fetħiet tal-beraq u tal-kulur, blalen u sfejjer. Wara, nassistu għal ħruq ta' murtali tal-beraq ikkulurit bil-logħob, murtali fuq il-bukketti, murtali tal-kulur, murtali bil-blalen, kemm tal-beraq u kemm tal-kulur, u varjazzjoni kbira ta' blalen kbar u blalen tal-blalen.

L-ispettaklu jintemm bi spettaklu piro-mużikali li jinkludi varjazzjoni ta' baraxxijiet, fetħiet tal-beraq u tal-kulur, blalen, sfejjer u bomba tal-lampjun.

**10:30pm** Marċ mis-Soċjetà Filarmonika Maria Mater Gratiae ta' Ħaż-Żabbar li jibda minn quddiem il-każin tal-Banda Pinto u jgħaddi minn Triq San Bartilmew sal-Pjazza Kortil tal-Granmastru.

**11:30pm** Esebizzjoni piroteknika ta' logħob tan-nar tal-art mekkanizzat fil-Pjazza Kortil tal-Granmastru akkumpanjat minn spettaklu ta' dawl u mużika.

## Il-Ħadd 21 ta' Lulju | Jum il-Festa

**10:15am** Ħruq piroteknikù ta' murtaletti u murtali bil-logħob mas-Sanctus.

**10:45am** Mixja simbolika mit-tfal bil-bandiera tas-Soċjetà Filarmonika Pinto Banda San Sebastjan u tlugħ tal-bandiera prima mal-arblu tal-każin tal-Banda Pinto.

**11:15am** Marċ tradizzjonali brijuż mis-Soċjetà Filarmonika Pinto Banda San Sebastjan li jibda minn quddiem il-każin tal-Banda Pinto u jgħaddi mit-toroq: San Bartilmew, il-Vitorja, il-Ġdida, il-Vitorja, San Bastjan, San Bartilmew, il-Kbira u San Bastjan sa quddiem il-każin tal-Banda Pinto.

**12:00pm** Ħruq tal-bomba, murtali u murtaletti.

**2:45pm** Dħul tal-marċ bid-daqq tal-Innu Popolari lil San Sebastjan Martri.

**6:30pm** Marċ mill-Banda King's Own tal-Belt Valletta li jgħaddi mit-toroq: San Bastjan u San Bartilmew sa quddiem il-Knisja Arċipretali fejn jilqa' l-vara titulari ta' San Sebastjan fil-ħruġ tal-purċissjoni.

Takkumpanja l-purċissjoni l-Għaqda Mużikali Marija Bambina Banda Vittorja tan-Naxxar.

**7:15pm** Ħruq piroteknikù b'tislima mill-Għaqda tan-Nar San Sebastjan lill-vara titulari bi ħruq ta' salut, kaxxa nfernali Spanjola u varjazzjoni kbira ta' murtali tal-beraq bil-logħob.

**8:00pm** Marċ mill-Banda Leone tar-Rabat, Għawdex, li jibda minn tarf Triq San Rafel u jgħaddi mit-toroq: San Bastjan, San Bartilmew, il-Kbira, San Bastjan u San Bartilmew sad-dħul tal-purċissjoni fil-Knisja Arċipretali.

**8:15pm** Wasla tal-vara titulari fil-pjazza tal-Knisja ż-Żgħira fejn tiġi mġedda l-wegħda tal-Qriema lill-protettur tal-Belt Pinto b'talb speċjali kontra l-mard terminali

filwaqt li l-Kummissjoni Kultura fi ħdan is-Soċjetà Filarmonika Pinto tqassam ħobż frisk bħala tifkira tal-Belt Pinto - belt il-furnara.

**8:15pm** Programm vokali u strumentali mill-Banda King's Own tal-Belt Valletta fuq il-planċier quddiem il-każin tal-Banda Pinto.

**9:00pm** Wirja piroteknika li tibda bl-isfejjer u titkompla bi ħruq ta' murtali tal-beraq ikkulurit bil-logħob, murtali tal-beraq biċ-ċentru, murtali fuq il-bukketti, murtali tal-kulur, varjazzjoni ta' blalen u tintemm b'kaxxa tal-kulur u bomba tal-lampjun mad-dħul tal-purċissjoni.

**9:45pm** Wasla tal-purċissjoni quddiem il-każin tal-Banda Pinto fejn jindaqqu u jitkantaw l-Innu Marċ 'Insellmulek Sebastiano' u l-Innu Popolari lil San Sebastjan Martri.

**11:00pm** Marċ tal-aħħar mis-Soċjetà Filarmonika Pinto Banda San Sebastjan li jakkumpanja lid-dilettanti tan-nar minn quddiem il-Knisja Arċipretali sa quddiem il-każin tal-Banda Pinto.

## It-Tnejn 22 ta' Lulju

**8:15am** Tluq tax-xalata tradizzjonali minn quddiem il-każin tal-Banda Pinto lejn l-Armier.

**6:15pm** Tluq lura tax-xalata tradizzjonali mill-Armier lejn Ħal Qormi.

**8:30pm** Inżul tal-istatwa ta' San Sebastjan Rebbieħ fost il-briju mill-partitarji Bastjaniżi.

- Is-servizzi mużikali tal-baned mistiedna ġew ikkoordinati mis-Soċjetà Filarmonika Pinto Banda San Sebastjan.
- In-nar kollu ta' matul il-jiem tal-festa ġie maħdum u kkordinat fil-kumpless tan-nar taħt id-direzzjoni tal-*licensee* tal-Għaqda tan-Nar San Sebastjan is-Sur Justin Facciol.
- L-armar tat-toroq ewlenin ta' Ħal Qormi ġie armat u kkordinat mill-membri fi ħdan l-Għaqda Armar San Sebastjan.
- L-armar u l-koordinazzjoni-briju waqt il-marċi tal-festa ġie kkordinat mill-membri fi ħdan il-Kummissjoni Żgħażagħ Bastjaniżi.
- Id-direzzjoni mużikali tas-Soċjetà Filarmonika Pinto Banda San Sebastjan tkun taħt it-tmexxija tas-Surmast Direttur Dominic Darmanin.


TAĊ-
ĊANTI
Restaurant
SERVING:
RABBIT - QUAILS - HORSEMEAT
SNAILS - GRILLS
FISH & MORE
APPETIZERS & DESSERTS
DAILY FOR
DINNER
Open
FOR LUNCH
ON SUNDAY
IDEAL FOR STAFF PARTIES,
HENS'/BACHELORS' PARTIES
& OTHER OCCASIONS
SPECIAL MENUS INCLUDING OPEN BAR
SET MENU AVAILABLE FOR GROUP BOOKINGS
2157 9496
Triq il-Kbira, Mġarr, Malta
Tac-Canti


Lisbon
Squashes
Saint Edward Street, Qormi
2148 7276
7947 0087 / 7989 2847 / 9985 5043
lisbonsquashes@gmail.com
Lisbon Squashes is recognized for more than 50 years as old traditional family drink...


Borg Store
(Louis ta' Gerit Grocer)
Monday to Friday | 5:00am-12:00pm | 4:00pm-7:00pm
Saturday | 5:00am-2:00pm
Armier Street | Qormi


TA' DOUGHNUTS
tal-wied ta' Ħal Qormi...
Mit-Tnejn sal-Ħadd - 8:30am sad-9:30pm
9946 1766


Spencer
Snack Bar & Take Away
Forget the rest ... Insist on the Best!
Spencer Hill,
Marsa
2124 1513 / 9923 5702


CHARLES
BUTCHER
specializing in fresh local meat, poultry, and homemade products...
WIDE VARIETY OF FROZEN ITEMS AND MARINADES
273, Main Street, Qormi
7925 2365


ALEX
TYRE SERVICE
Mit-Tnejn sal-Ġimgħa: 7:45am - 6pm
Is-Sibt: 7:45am - 3pm
Il-Ħadd: 7:45am - 12pm
9980 4442
F&A Magri Service Station,
Triq l-Ajruport, Luqa, LQA 9032

# X'sar matulek, ja sena, fil-Parroċċa tagħna?

*Djarju Parrokkjali 2023/2024*

- **27 ta' Lulju** - Il-grupp tat-Terzjarji Karmelitani ċċelebra l-festa tal-Madonna tal-Karmnu permezz ta' Quddiesa u Rużarju animat fil-Knisja Arċipretali
- **28 ta' Lulju** - Mument spiritwali u soċjali għan-nanniet u n-neputijiet tagħhom organizzat mill-Kummissjoni Familja u l-grupp taż-żgħażagħ IMPACT fl-okkażjoni ta' Jum in-Nanniet

- **Mill-1 sas-6 ta' Awwissu** - Membri mill-grupp taż-żgħażagħ IMPACT ħadu sehem fl-attivitajiet tal-Jum Dinji taż-Żgħażagħ fil-Portugall flimkien mal-Papa Franġisku
- **3 ta' Awwissu** - Mument spiritwali u soċjali għall-membri tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali
- **10 ta' Awwissu** - Attività għall-familja kollha fuq il-Gżejjer ta' San Pawl
- **15 ta' Awwissu** - Pellegrinaġġ tal-muturi għamel waqfa fil-Parroċċa tagħna fi triqtu lejn Ħad-Dingli
- **Mis-16 sal-25 ta' Awwissu** - Luke Scicluna għamel esperjenza bħala abbati fil-Vatikan
- **Mit-30 ta' Awwissu sat-8 ta' Settembru** - Mikhail Camilleri għamel esperjenza bħala abbati fil-Vatikan

- **Mill-1 sat-8 ta' Settembru** - Ġita għal Valle d'Aosta u l-Alpi organizzata mill-Parroċċa
- **3 ta' Settembru** - Professjoni Sempliċi ta' Fra Christopher Bilocca mill-Parroċċa tagħna mal-Ordni tal-Franġiskani Minuri
- **10 ta' Settembru** - Preżentazzjoni ta' bukkett fjuri lill-kwadru devot tal-Madonna tal-Grazzja waqt il-pellegrinaġġ tar-roti u l-muturi li għadda mill-Parroċċa tagħna
- **Mill-11 sat-18 ta' Settembru** - Żjara tal-Kwadru Mirakoluż ta' Ġesù Nazzarenu



**Inawgurazzjoni tad-Duluri ta' Settembru wara r-restawr**



**Pellegrinaġġ bil-Kwadru Mirakoluż ta' Ġesù Nazzarenu**

- **14 ta' Settembru** - Jum ta' talb għall-konverżjoni tal-midinbin fil-festa tal-Eżaltazzjoni tas-Salib Imqaddes
- **15 ta' Settembru** - Inawgurazzjoni tal-istatwa ta' Marija Addolorata 'l-Wieqfa' wara xogħol ta' restawr u konservazzjoni
- **21 ta' Settembru** - Seminar formattiv għall-katekisti taċ-ċentri tad-duttrina




G MOLTON
COATING SOLUTIONS
2148 5206
2148 5207
gmolton.com
info@gmolton.com
Cannon Road, Qormi
Find us on
Facebook

- **23 ta' Settembru** - Musical imtella' mill-grupp taż-żgħażagħ IMPACT fiċ-Ċentru Parrokkjali
- **24 ta' Settembru** - Tberik tal-basktijiet tal-iskola fil-bidu tas-sena skolastika
- **28 ta' Settembru** - Laqgħa formattiva għal dawk kollha li jagħtu sehemhom fil-liturġija

- **F'Ottubru** r-Rużarju ta' filgħaxija kien animat mill-gruppi tal-Parroċċa
- **2 ta' Ottubru** - Bidu tas-sena kateketika
- **8 ta' Ottubru** - Festa tal-Madonna tar-Rużarju fil-Parroċċa
- **Mis-16 sat-22 ta' Ottubru** - Ġimgħa Familja organizzata mill-Kummissjoni Familja b'diversi laqgħat minn kelliema differenti għall-familji kollha
- **22 ta' Ottubru** - Seminar għall-għarajjes li qed jiżżewġu fl-2024
- **22 ta' Ottubru** - Seminar għall-adolexxenti li rċivew il-Griżma tal-Isqof f'Novembru li għadda flimkien mal-ġenituri u l-parrini
- **25 ta' Ottubru** - Ir-4 anniversarju mill-Konsagrazzjoni tal-Knisja ż-Żgħira

- **1 ta' Novembru** - Ġurnata Għawdex għall-familja kollha organizzata mill-grupp tal-Ladies Circle
- **1 ta' Novembru** - Mument soċjali għall-membri tal-Kor Parrokkjali taż-Żgħażagħ
- **2 ta' Novembru** - Quddiesa fiċ-ċimiterju ta' Ħal Qormi li ntemmet bit-tberik tal-oqbra
- **3 ta' Novembru** - It-tfal Qriema taż-żewġ Parroċċi ċċelebraw flimkien il-festa tal-Qaddisin Kollha fil-Knisja Arċipretali
- **4 ta' Novembru** - Attività għat-tfal kollha li jattendu l-katekiżmu fiċ-Ċentru Parrokkjali
- **12 ta' Novembru** - 68 adolexxent irċivew is-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof
- **17 ta' Novembru** - Ikla għall-irġiel kollha fl-okkażjoni tal-festa ta' San Martin
- **19 ta' Novembru** - Bdiet l-inizjattiva ta' għajnuna b'risq il-missjoni li jwettaq Dun Anton Grech fil-Gwatemala biex bħala Parroċċa ngħinu lit-tfajjel Pablo de Jesus Teyul García jikber u jgħix b'dinjità

- **2 u 3 ta' Diċembru** - Bejgħ ta' ponsjetti tal-Milied fuq iz-zuntier organizzat mill-grupp taż-żgħażagħ IMPACT
- **3 ta' Diċembru** - Tberik tal-girlandi tal-Avvent li għamlu t-tfal
- **6 ta' Diċembru** - Irtir tal-Avvent fil-Knisja ta' Sant'Anna, iż-Żebbiegħ
- **12 ta' Diċembru** - Tesserament tal-membri tal-Azzjoni Kattolika tal-Parroċċa
- **Mill-15 sat-23 ta' Diċembru** - Novena tal-Milied bil-Quddiesa ta' filgħaxija ġiet animata minn gruppi u għaqdiet tal-Parroċċa
- **17 ta' Diċembru** - Twaqqaf il-grupp ġdid tal-għarajjes u koppji fil-bidu tal-ħajja miżżewġa tagħhom GROWING TOGETHER
- **21 ta' Diċembru** - Qrar bi tħejjija għall-Milied fil-Knisja Arċipretali
- **24 ta' Diċembru** - Tberik tal-presepji u l-Bambini tat-tfal
- **24 ta' Diċembru** - Velja tal-Milied bis-sehem tal-grupp taż-żgħażagħ IMPACT u t-tfal
- **27 ta' Diċembru** - Pacem in Terris - Il-Kunċert tal-Milied imtella' mill-Kor Parrokkjali taż-Żgħażagħ
- **28 ta' Diċembru** - Quddiesa għall-anzjani u l-morda organizzata mill-Kummissjoni Djakonija
- **Mid-29 sal-31 ta' Diċembru** - Kwaranturi Solenni fil-Knisja ż-Żgħira
- **31 ta' Diċembru** - Quddiesa organizzata mill-Kummissjoni Familja li għaliha kienu mistiedna

SIXT leasing



# EXPERIENCE PREMIUM MOBILITY SERVICES

Contact us today to begin your new leasing adventures:
info@sixt.com.mt

l-koppji li żżewġu fis-sena 2023 u dawk li ċċelebraw il-5, il-15 u l-20 anniversarju miżżewġin

- **1 ta' Jannar** - Bħala parti mill-Festa ta' Ġenerożità saret ġabra ta' karità b'risq id-Dar tal-Providenza li laħqet is-somma ta' €7,100
- **7 ta' Jannar** - Quddiesa minn Fr Eric Cachia SDB, direttur tad-Dar Saint Patrick's f'Tas-Sliema, li f'isem ir-residenti rringrazzja lill-Parroċċa għall-inizjattiva li l-Parroċċa ħadet fi żmien l-Avvent bl-għoti ta' rigali lit-tfal u ż-żgħażagħ
- **12 ta' Jannar** - Quddiesa ta' radd il-ħajr lil Alla f'għeluq il-100 sena ta' Suor Bartolomea Gauci mmexxija mill-Kardinal Mario Grech
- **14 ta' Jannar** - Bidu tal-Kors ta' Kana għall-għarajjes
- **14 ta' Jannar** - Il-Mobile Blood Donation Unit kien ħdejn il-Knisja Arċipretali sabiex il-parruċċani kellhom l-opportunità li jagħtu d-demm



*Quddiesa f'għeluq il-100 sena ta' Suor Bartolomea Gauci*

- **16 ta' Jannar** - Quddiesa li fiha t-tfal li ser jirċievu s-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof f'Novembru li ġej bdew il-mixja spiritwali ta' tħejjija
- **18 ta' Jannar** - Quddiesa tal-festa ta' San Sebastjan Martri għat-tfal u l-familji
- **19 ta' Jannar** - Tranżlazzjoni u Konċelebrazzjoni solenni bil-vestizzjoni ta' 4 abbatini ġodda fit-38 anniversarju mill-Konsagrazzjoni tal-Knisja Arċipretali
- **20 ta' Jannar** - Festa Liturġika ta' San Sebastjan Martri
- **Mit-22 sas-26 ta' Jannar** - Kors formattiv dwar il-Kelma ta' Alla għal-letturi

- **1 ta' Frar** - Mons. Arċisqof Charles J. Scicluna mexxa Quddiesa fil-Knisja Arċipretali bis-sehem tar-reliġjużi Maltin fl-okkażjoni ta' Jum il-Ħajja Kkonsagrata
- **2 ta' Frar** - Fil-festa tal-Preżentazzjoni tal-Mulej fit-Tempju, it-tfal li għamlu l-Ewwel Tqarbina f'Ġunju li għadda għamlu t-talba lill-Knisja biex jirċievu dan is-Sagrament
- **8 ta' Frar** - Festin tal-Karnival għat-tfal kollha fiċ-Ċentru Parrokkjali
- **10 ta' Frar** - Il-Kan. Dun Dillon Bugeja beda l-ħidma pastorali tiegħu bħala Viċi-Arċipriet tal-Parroċċa tagħna
- **11 ta' Frar** - Nofs ta' nhar Adorazzjoni Ewkaristika fil-Knisja ż-Żgħira fl-okkażjoni ta' Jum il-Morda u t-tifkira tal-ewwel dehra tal-Madonna ta' Lourdes
- **17 ta' Frar** - Ikla fiċ-Ċentru Parrokkjali b'risq il-proġetti tal-Parroċċa

- **Mill-11 sat-18 ta' Marzu** - L-Ewwel Qrara għat-tfal li rċivew l-Ewwel Tqarbina f'Ġunju
- **13 ta' Marzu** - Irtir tar-Randan fil-Knisja Parrokkjali ta' Kristu Rxoxt, Pembroke
- **14 ta' Marzu** - Quddiesa għall-anzjani u l-morda organizzata mill-Kummissjoni Djakonija
- **15 ta' Marzu** - Festa ta' Ġesù Redentur li fiha ġew imżanżna erba' brazzi ġodda li nħadmu għal mal-vara tar-Redentur
- **16 ta' Marzu** - Pizza Delivery organizzata mill-grupp taż-żgħażagħ IMPACT
- **21 ta' Marzu** - Velja ta' Qrar bi tħejjija għall-Ġimgħa Mqaddsa

- **24 ta' Marzu** - It-tfal offrew il-Karus ta' Mħabba bħala karità għal żmien ir-Randan
- **Mill-25 sas-27 ta' Marzu** - Id-Drama Pageant Group tal-Parroċċa tella' d-dramm tal-passjoni 'Id-Dawl tad-Dinja' fit-teatru taċ-Ċentru Parrokkjali
- **25 ta' Marzu** - Pellegrinaġġ għar-Redentur tal-Isla li kien jinkludi Quddiesa, riflessjoni minn Mons. Prof. Hector Scerri u Adorazzjoni Ewkaristika
- **26 ta' Marzu** - Via Sagra fin-naħa tal-ex-Shopwise
- **31 ta' Marzu** - Purċissjoni bix-xbieha ta' Kristu Rxoxt li ntemmet bit-tberik tal-figolli, it-talba tar-Regina Caeli u l-Barka Sagramentali

- **3 ta' April** - Attività għall-familja kollha organizzata mill-grupp tal-Ladies Circle fil-festa tradizzjonali ta' San Girgor
- **7 ta' April** - Vjatku Solenni tal-morda
- **13 u 14 ta' April** - F'Jum il-Karità saret ġabra b'risq il-proġetti filantropiċi tal-Knisja f'Malta li laħqet is-somma ta' €1,500
- **Mis-26 sat-28 ta' April** - Irtir għall-membri tal-Grupp Familji Nsara tal-Parroċċa mmexxi minn Mons. Dun Frans Abdilla


*Pellegrinaġġ fuq il-qabar ta' San Ġorġ Preca*

- **5 ta' Mejju** - High Tea u tombla fiċ-Ċentru Parrokkjali b'risq il-proġetti tal-Parroċċa
- **6 ta' Mejju** - Pellegrinaġġ fuq il-qabar ta' San Ġorġ Preca li kien jinkludi Quddiesa u riflessjoni qasira
- **8 ta' Mejju** - Nofs ta' nhar Adorazzjoni Ewkaristika fil-Knisja ż-Żgħira b'talb għall-bżonnijiet tal-familji u għal aktar vokazzjonijiet mill-Parroċċa tagħna
- **11 ta' Mejju** - Festa tal-Madonna ta' Pompej fil-komunità tas-sorijiet Agostinjani tal-Parroċċa tagħna u l-inawgurazzjoni ta' sala ġdida fil-kunvent msemmija għal Suor Bartolomea Gauci li din is-sena ċċelebrat il-100 sena minn twelidha
- **13 ta' Mejju** - Quddiesa fiċ-ċimiterju ta' Ħal Qormi b'sufraġju għall-erwieħ tal-ommijiet mejtin
- **19 ta' Mejju** - Fis-solennità ta' Pentekoste, l-adolexxenti li ser jirċievu l-Griżma tal-Isqof f'Novembru li ġej għamlu t-talba lill-Knisja biex jirċievu dan is-Sagrament
- **19 ta' Mejju** - Mument soċjali għall-membri tal-Kor Parrokkjali taż-Żgħażagħ
- **24 ta' Mejju** - Quddiesa fil-Knisja Arċipretali bis-sehem tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi u l-għaqdiet Qriema fl-okkażjoni ta' Jum Ħal Qormi
- **25 u 26 ta' Mejju** - 80 tifel u tifla rċivew l-Ewwel Tqarbina
- **25 u 26 ta' Mejju** - Membri mill-Kummissjoni Tfal flimkien mal-Kummissjoni Djoċesana Tfal ħadu sehem


**Il-grupp Malti li ħa sehem fl-ewwel Jum Dinji tat-Tfal**

fiċ-ċelebrazzjonijiet tal-ewwel Jum Dinji tat-Tfal organizzat mill-Papa Franġisku fil-Vatikan

- **29 ta' Mejju** - Ħarġa Marjana organizzata mill-Kummissjoni Djakonija għall-anzjani u l-familji tagħhom u dawk li jgħixu waħedhom
- **30 ta' Mejju** - Festa tal-Qalb ta' Ġesù fiż-Żona tas-Sokkors b'Quddiesa u purċissjoni Ewkaristika fl-inħawi

- **Mit-2 sas-7 ta' Ġunju** - Ġimgħa Ewkaristika fil-Knisja ż-Żgħira
- **2 ta' Ġunju** - Fil-Konċelebrazzjoni Solenni tas-Solennità ta' Corpus Domini ċċelebrajna l-25 anniversarju ta' Patri Alex Scerri O. Carm, konfessur barrani tal-Parroċċa tagħna, li qed jiċċelebra l-25 anniversarju mill-Ordinazzjoni Saċerdotali
- **6 ta' Ġunju** - Laqgħa spiritwali dwar it-talb immexxija mill-Papás Martin Zammit fil-Knisja ż-Żgħira fl-okkażjoni tas-Sena tat-Talb imnedija mill-Papa Franġisku bi tħejjija għas-Sena tal-Ġublew tat-Tama
- **21 ta' Ġunju** - Ikla għall-irġiel kollha fl-okkażjoni ta' Jum il-Missier
- **22 ta' Ġunju** - Quddiesa ċċelebrata mill-missjunarji Malti Dun Stephen Magro li fiha saret ġabra speċjali b'risq il-missjoni tiegħu f'Kuba

- **3 ta' Lulju** - Attività għall-familja kollha fuq il-Gżejjer ta' San Pawl
- **5 ta' Lulju** - Il-grupp tat-Terzjarji Karmelitani ċċelebra l-festa tal-Madonna tal-Karmnu permezz ta' Quddiesa u Rużarju animat fil-Knisja ż-Żgħira
- **7 ta' Lulju** - Quddiesa ta' radd il-ħajr lil Alla fi tmiem il-ħidma pastorali ta' Dun Nicholas Dimech bħala Viċi  Arċipriet







Five decades of Trust
Issued by Bank of Valletta p.l.c. 58, Triq San Żakkarija, Il-Belt Valletta VLT 1130. Bank of Valletta p.l.c. is regulated by the MFSA and licensed to carry out the business of banking in terms of the Banking Act (Cap. 371 of the Laws of Malta).
1974 - 2024
Bank of Valletta

BROWNS+YOU




# BROWN'S SAN BASTJAN IS NOW OPEN!

## OPENING HOURS

MONDAY - SATURDAY | 8:00AM - 8:00PM

Public holidays and Sunday according to Medicines Authority roster.

brown's

BrownsPharma
2122 5333
sanbastjan@brownspharmacy.eu
www.browns.pharmacy


Glamour Nails
by Maria
7996 4339
Triq Santu Rokku, Qormi


GUIDO VELLA
CASH & CARRY


BLOSSOM BREEZE
DETERGENTS
214, Triq il-Belt Valletta,
Qormi
9944 9574
9902 0605
FREE DELIVERY


ARTWORKS ON:
Flags • Pavaljuni • Statues • Sculptures • Filigree Accessories • Monuments
E: info@joserosand.com | M:+35698113270

# Nifirħu u Nawguraw

- lill-**Kardinal Mario Grech** li qed jiċċelebra l-40 anniversarju mill-Ordinazzjoni Saċerdotali
- lill-ex-Kappillan **Mons. Dun Charles Cordina** u lill-**Kan. Dun Vinċenz Borg** li qed jiċċelebraw il-50 anniversarju mill-Ordinazzjoni Saċerdotali
- lil **Dun Joe Meli** u lil **Mons. Dun Frans Abdilla** li qed jiċċelebraw l-40 anniversarju mill-Ordinazzjoni Saċerdotali
- lill-ex-Kappillan **Dun Joseph Buhagiar** li qed jiċċelebra t-30 anniversarju mill-Ordinazzjoni Saċerdotali
- lil **Patri Alex Scerri O. Carm**, konfessur barrani tal-Parroċċa tagħna, li qed jiċċelebra l-25 anniversarju mill-Ordinazzjoni Saċerdotali
- lil **Dun Nicholas Dimech** fi tmiem il-ħidma pastorali tiegħu fil-Parroċċa tagħna bħala Viċi-Arċipriet u fil-bidu tal-ħidma tiegħu bħala Rettur tal-Knisja tal-Immakulata Kunċizzjoni (tan-Nigret) fiż-Żurrieq
- lill-**Kan. Dun Dillon Bugeja** fil-bidu tal-ħidma pastorali tiegħu fil-Parroċċa tagħna bħala Viċi-Arċipriet
- lir-**Rev. Prof. Carl-Mario Sultana** li ġie promoss għall-kariga ta' Professur Assoċjat fil-Fakultà tat-Teoloġija fl-Università ta' Malta u elett President tal-Équipe Européenne de Catéchèse għall-4 snin li ġejjin
- lil **Dun Sergio Fenech** li beda l-ħidma tiegħu bħala Kappillan tal-Forzi Armati ta' Malta
- lil **Fr Eric Cachia SDB**, mgħammed fil-Parroċċa tagħna, li ġie elett Provinċjal tas-Salesjani ta' Don Bosco f'Malta
- lil **Dun Malcolm Saliba**, li sentejn ilu għamel esperjenza pastorali fil-Parroċċa tagħna bħala seminarista, li din is-sena rċieva l-Ordinazzjoni Saċerdotali
- lil **Fra Christopher Bilocca OFM** li pprofessa b'mod temporanju fl-Ordni tal-Patrijiet Franġiskani Minuri
- lis-seminarista **Adam Baldacchino** li matul din is-sena qiegħed jagħmel esperjenza pastorali fil-Parroċċa tagħna
- lil **Br Matthew Alfino SDB** u lil **Br Raphael Axisa SDB** li fis-6 ta' Settembru li ġej se jipprofessaw b'mod solenni fis-Soċjetà tas-Salesjani ta' Don Bosco fil-Parroċċa tagħna
- lil **Suor Bartolomea Gauci**, mill-komunità tas-sorijiet Agostinjani tal-Parroċċa tagħna u ex-segretarja tal-Parroċċa, li f'Jannar li għadda ċċelebrat il-100 sena minn twelidha u li ġiet rikonoxxuta mill-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi bil-premju 'Għarfien il-Ħila - Servizz Volontarjat'
- lis-**Sur Shaun Formosa**, chairman tad-Drama Group San Sebastjan, li ġie rikonoxxut mill-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi bil-premju 'Għarfien il-Ħila - Sehem fl-Għaqdiet Lokali'
- lis-**Sur Saviour Magri**, voluntier fil-Parroċċa, li ġie rikonoxxut mill-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi bil-premju 'Għarfien il-Ħila - Servizz Volontarjat'
- lis-**Sa Maria Mifsud**, segretarja tal-Parroċċa, li ġiet rikonoxxuta mill-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi bil-premju 'Għarfien il-Ħila - Servizz fil-Komunità'
- lis-**Sa Josephine Muscat** li ġiet mogħtija l-unur MARA fl-okkażjoni ta' Jum il-Mara
- lis-**Sindku Dr. Josef Masini Vento u l-kunsillera** eletti fil-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi
- lill-**Għaqda Armar San Sebastjan** li qed tiċċelebra l-40 anniversarju mit-twaqqif tagħha

BAR KLABB TAL-BOĊĊI
SAN BASTJAN

*Showing live football & other sports*
*Free appetisers and genuine drinks for good prices*

9928 3328 / 9940 5440

Find us on Facebook



Jesmond **Micallef**

TRANSMAX
INTERNATIONAL TRANSPORT

Valletta Road, Qormi (QRM 3617)
2148 0208
9972 9737
sales@transmaxmalta.com



TWANNY IRONMONGERY





ANICI STREET, QORMI
TEL: 2148 4913

Għall-aqwa prezzijiet f'kull ma għandek bżonn għad-dar fl-elettriku, fl-ilma, fi ż-żebgħa, għodda, geysers, slielem...



VISTAPAK
Packaging. Marketing. Designing

Paloma Blanca, Dawret Hal Ghaxaq Street, Ghaxaq
7999 1002
info@vistapak.net
www.vistapak.eu

RETAIL PACKAGING
CONFECTIONERY & CATERING PACKAGING
MANUFACTURING PACKAGING

# Mill-Istorja tal-Parroċċa

- **5 snin** minn meta l-Knisja Parrokkjali ġiet mgħollija għad-dinjità ta' Arċipretali
- **5 snin** miż-żjara tal-kwadru devot tal-Madonna ta' Pinu
- **5 snin** mill-purċissjoni bil-vara titulari lejn il-post minn fejn beda l-kult lejn San Sebastjan Martri f'Ħal Qormi
- **5 snin** mill-Konsagrazzjoni tal-Knisja ż-Żgħira minn Mons. Arċisqof Charles J. Scicluna
- **15-il sena** miż-żjara tar-relikwa tad-Driegħ Imqaddes tal-Appostlu Missierna San Pawl fl-okkażjoni tas-Sena Pawlina
- **20 sena** mill-pedestall il-ġdid tal-vara titulari fuq disinn u xogħol tal-artist Renzo Gauci u Joseph Galdes u induratura ta' Horace Farrugia
- **35 sena** mit-tlestija tal-iskultura tal-friż minn Pawlu Galea u Karmnu Baldacchino fuq disinn tal-artist Ġanni Bonnici
- **45 sena** mill-bidu tax-xogħol tal-konkos fuq il-koppla tal-Knisja Arċipretali
- **50 sena** mill-mewt ta' Dun Gino Mangion, saċerdot mill-Parroċċa tagħna
- **50 sena** mill-ordinazzjoni ta' Dun Joe Camilleri, saċerdot mill-Parroċċa tagħna
- **55 sena** mill-mewt tal-ex-Kappillan Dun Ġużepp Cauchi (1957-1969)
- **80 sena** mit-tberik tal-vara titulari ta' San Sebastjan Martri u l-ewwel purċissjoni tal-festa
- **85 sena** mill-preżentazzjoni tal-pjanti tal-Knisja Arċipretali ddisinjati minn Arthur Zammit
- **150 sena** mit-tpartit tal-art li fuqha eventwalment inbniet il-Knisja ż-Żgħira
- **170 sena** mit-twelid tal-artist Lazzaro Pisani li pitter il-kwadru ta' Ġesù Redentur u l-kwadru titulari ta' San Sebastjan Martri fil-Knisja ż-Żgħira




C&CTECHNIK
PROFESSIONAL TOOLS




SALES
SERVICE
REPAIR
LEASE

2149 8640
TRIQ L-IMDINA, ĦAL QORMI
INFO@CCTECHNIK.COM.MT
CCTECHNIK.COM.MT

FREE PARKING AVAILABLE


AUTO
REPAIR &
MAINTENANCE
DESTINY
SEM & ASSOCIATES
SERVICES OFFERED
Rountine Maintenance Services
Oil changes
Tire rotations
Brake inspections and repairs
Battery checks and replacements
Transmission services
Engine tune-ups
Air conditioning services
Complete Diagnostic Services
Computerized engine analysis
Check light engine diagnosis
Fuel system diagnostics
Electrical system diagnostics
Performance analysis
Repair and Replacement Services
Engine repairs and replacements
Transmission repairs and replacements
Suspension and steering repairs
Exhaust system repairs and replacements
Windshield and glass replacements
Bodywork and painting
Schedule an appointment at
DESTINY SEM & ASSOCIATES LTD
And let us take care of all your auto needs!
Location
A MULTIBRAND CAR WORKSHOP
ONE STOP SOLUTION FOR ALL CAR NEEDS!
DESTINY
SEM & ASSOCIATES
info@destinymalta.com
+356 2097 6562
+356 9910 4969




**J.T. Jewellers**

498 , Victory Street, Qormi
Tel: 21445687

Email: jtjewellersqormi@gmail.com

*Cash for your Gold*

ESPRIT FOSSIL CITIZEN MORELLATO DW Daniel Wellington BULOVA pierre cardin PARIS BREIL






# Xi jfisser għalija li jiena msejjaħ biex inkun saċerdot?

Din is-sena, diversi saċerdoti mill-Parroċċa, li servew jew li jservu fil-Parroċċa tagħna qed jiċċelebraw xi anniversarju speċjali minn meta rċivew l-ordinazzjoni presbiterali tagħhom. Inizjattiva li ta' kull sena nieħdu bħala Parroċċa hi li niġbru l-esperjenzi ta' dawn is-saċerdoti f'din il-ħarġa ħalli b'hekk nitħeġġu aktar fit-talb tagħna biex aktar żgħażagħ isibu f'dawn l-esperjenzi dawl li jdawwal it-triq tas-sejħa tagħhom.



**Dun Joe Camilleri** (1948-2003)
***li din is-sena jaħbat il-50 anniversarju mill-ordinazzjoni saċerdotali tiegħu***

*Wieħed mis-saċerdoti li qed jiċċelebra anniversarju speċjali mill-ordinazzjoni tiegħu huwa Dun Joe Camilleri li ħalla din id-dinja fid-9 ta' Ġunju 2003 u għalhekk, oħtu, is-Sa Miriam Farrugia, tatna deskrizzjoni ta' kif ħuha għex is-snin tas-saċerdozju...*

Ħija Dun Joe beda l-ħidma saċerdotali tiegħu fil-Parroċċa ta' San Sebastjan li tant kienet għal qalbu. Niftakru jaħdem b'entużjażmu, ħeġġa u inizjattiva kbira fiċ-ċentru taż-żgħażagħ. Iż-żgħażagħ kien ikollhom ħin għat-talb, logħob u preparazzjoni għall-quddiesa bis-sehem tagħhom fil-kant; dejjem iħeġġeġ u jara kif jinvolvi liż-żgħażagħ fil-ħidma taċ-ċentru. It-tqarbin u ż-żjarat lill-morda kien jagħmilhom b'imħabba kbira. Kien bniedem sensittiv ħafna, jieħu interess u jagħti sapport lil kull min kien javviċinah għal xi parir, Qrar jew xi għajnuna. Dun Joe kien l-id il-leminija tal-Kappillan f'dak li kien jirrigwarda l-bini tal-knisja. Fuq kollox kellu sens liturġiku. L-hena tiegħu kien is-servizz li jwettaq fuq l-artal. F'kull ħidma assenjata lilu - fis-Seminarju, fl-Istitut Kattoliku u fil-Parroċċa ta' Ħal Luqa - Dun Joe baqa' jaħdem bl-istess entużjażmu u enerġija. Il-ħeġġa li kellu waqt li kien qed jipprepara għall-ordinazzjoni saċerdotali tiegħu baqgħet fih tul ħajtu kollha. Infatti, meta kien jagħmel il-funzjoni ta' Ħamis ix-Xirka għat-tfal, fl-omelija kien dejjem jgħidilhom: "Li kieku jkolli nerġa' nitwieled, nerġa' nsir qassis!"



**Mons. Dun Charles Cordina**, ex-Kappillan tal-Parroċċa tagħna
***li din is-sena qiegħed jiċċelebra l-50 anniversarju mill-ordinazzjoni saċerdotali tiegħu***

F'ħajti rrealizzajt kemm iħobbna l-Mulej. Aktar ma jgħaddi ż-żmien aktar bdejt napprezza l-grazzja li l-Mulej għażilni biex naqdiH bħala saċerdot. Is-sabiħ ta' din l-esperjenza ħassejtu fir-relazzjoni intima mal-Mulej li timla bil-paċi lil qalbek u bil-ħeġġa li tagħtik biex taqdih fil-persuni li jlaqqgħek magħhom. Ħajja mimlija mpenn imma sodisfazzjon kbir. Ħajja li fiha tiċċaħħad


easygas
MALTA LTD
For Cleaner & Cheaper Energy!
Valletta Road, Luqa
T 2182 1557
M 7967 6767
E operations@easygas.com.mt

minnek innifsek għall-oħrajn imma li fiha ssib paċi kbira f'qalbek. Ħajja li fiha tqatta' ħinek taħseb kif se tkun ta' għajnuna għal ħaddieħor imma li tagħtik skop għall-għajxien tiegħek. Ħajja fejn tkun disponibbli għan-nies li taqdi imma li ssib ħafna mħabba minnhom. Ħajja li kontinwament tgħinek tifhem kemm huma meħtieġa l-ħwejjeg tas-sema milli tal-art. Ħajja ta' responsabbiltà kbira f'dak li tipprietka imma mimlija opportunitajiet li joffrilek il-Mulej biex tagħmel il-ġid. Ħajja li fiha ma kontx waħdi imma kienet ferm sabiħa l-fraternità saċerdotali li bnejt tul is-snin ma' ħuti s-saċerdoti. Kull filgħaxija nirringrazzja mill-qalb lill-Mulej tal-għajnuna li jagħtini fit-twettiq tal-ministeru saċerdotali għax qatt ma bsart li l-imħabba tiegħU ser tasal biex tagħtini rigal bħal dan: 50 sena saċerdot.



**Kan. Dun Vinċenz Borg**
***li din is-sena qiegħed jiċċelebra l-50 anniversarju mill-ordinazzjoni saċerdotali tiegħu***

Is-sejħa tiegħi bħala saċerdot tfisser li nkun qassis ta' Kristu, nagħmel affarijiet fil-persuna ta' Kristu - "in persona Christi" - u nġib lil Kristu preżenti fl-art b'diversi modi, l-aktar fil-quddiesa. Jiena dejjem qaddist, anke b'lingwi oħra, b'persważjoni f'dan! Fis-Sagrament tal-Qrar, is-saċerdot iħabbeb mill-ġdid lill-midneb ma' Alla u hekk ukoll bis-Sagramenti l-oħra, is-saċerdot iġib il-barka ta' Alla fuq kull nisrani. Anke meta jitlob il-Brevjar, is-saċerdot, f'isem il-Knisja, ikun qiegħed ifaħħar lil Alla u jitlob għall-bżonnijiet tal-insara. Li tkun saċerdot tfisser tkun lest li tiltaqa' man-nies. Jien qattajt ħajti nżur il-morda u naqdi lil kull min talabni; fittixni u ssibni. Bħal kull saċerdot ieħor għamilt ħafna ġid li ma jidhirx. Lil Alla trid dejjem ittih l-ewwel post. Li tagħmel trid tagħmlu għall-glorja tiegħu, fid-dawl tiegħu. Nirringrazzja lil Alla ta' kulma għamel miegħi. Kif qal il-Papa San Ġwanni Pawlu II, "is-saċerdozju hu don u misteru".

**Dun Joe Meli**
***li din is-sena qiegħed jiċċelebra l-40 anniversarju mill-ordinazzjoni saċerdotali tiegħu***



Meta nħares lejn dawn l-40 sena, narahom parti minn mixja ta' għarfien li bdiet minn qabel l-ordinazzjoni saċerdotali u għadha għaddejja. Matulha kont imbierek li sibt madwari min jgħini - il-familja u l-Parroċċa - biex nara lili nnifsi, id-dinja u l-ġrajjiet minn għajnejn Alla u nasal nifhem u napprezza kemm aħna maħbubin minnU. Dan l-għarfien wassalni biex nibda nħoss f'qalbi sejħa għall-ministeru saċerdotali. Wara formazzjoni f'ambjent ta' talb, studju u taħriġ pastorali fis-Seminarju, fl-ordinazzjoni ħassejtni mħejji biex nilqa' u nwieġeb bil-ħeġġa għas-sejħa ta' Alla. Fit-twettiq tal-ministeru saċerdotali kelli l-grazzja li niltaqa' mill-qrib ma' persuni f'waqtiet, realtajiet u esperjenzi differenti. B'mod speċjali ngħożż is-snin f'żewġ oqsma ta' ħidma. L-ewwel, ma' mijiet ta' katekisti għatxana għat-

tagħlim u mħeġġa biex ikunu xhieda ta' fidi fil-komunitajiet tagħna. It-tieni, mal-membri tal-Forzi Armati ta' Malta, imħarrġa fil-qasam tagħhom, ħabrieka u mogħtija għall-qadi u l-ħarsien tal-poplu Malti u dak li jgħożż. Għax naf li f'dawn l-40 sena kelli mumenti ta' qtigħ il-qalb u nuqqas, inħoss aktar il-ħtieġa li nrodd ħajr lil Alla li għadu jżomm fija xewqa ħajja li nkun den tal-imħabba u l-fiduċja tiegħU.



**Mons. Dun Frans Abdilla**

***li din is-sena qiegħed jiċċelebra l-40 anniversarju mill-ordinazzjoni saċerdotali tiegħu***

"Frans Abdilla, saċerdot - meħud minn fost il-bnedmin u mqiegħed għall-bnedmin f'dak li għandu x'jaqsam ma' Alla." Hekk hemm miktub fis-santa tal-ewwel quddiesa tiegħi. Ladarba meħud minn fost il-bnedmin, mela qabel jien saċerdot, jiena raġel b'dak kollu li jġib miegħu li tkun raġel. Meħud ifisser ukoll li msejjaħ. Is-sejħa ġejja mill-Mulej Ġesù. Veru li jien sa minn mindu kont tifel, ix-xewqa tiegħi kienet li nsir qassis imma niftakar sew il-post fejn smajt u aċċettajt. Kollox mill-Mulej jibda u allura kollox għaliH u miegħU. Imqiegħed għall-bnedmin, mhux għalih innifsu imma għal ħutu l-bnedmin. Imwaħħda fis-sejħa hemm l-offerta. Imsejjaħ biex jingħata f'isem Kristu lill-bniedem biex iqaddsu, iwettqu fil-mixja wara Ġesù u jwassallu l-imħabba u l-ħniena ta' Alla. Grazzi Mulej tal-għażla tiegħek. Kemm inħossni kuntent li jien saċerdot. Qatt ma ħassejtni nieqes mill-imħabba. Is-sejħa saċerdotali msejsa fis-sagrifiċċju tas-salib - it-tbatija, is-sagrifiċċju, l-ubbidjenza. Missier ħaddanni fi mħabbtek. Mulej Ġesù imlini bl-Ispirtu tiegħek u agħtini dik il-qalb saċerdotali tiegħek. Spirtu Qaddis, nar ta' mħabba u fidi, ejja imla dan it-tempju.



**Dun Joseph Buhagiar,** ex-Kappillan tal-Parroċċa tagħna

***li din is-sena qiegħed jiċċelebra t-30 anniversarju mill-ordinazzjoni saċerdotali tiegħu***

"Aħna nafu li Alla, ma' dawk li jħobbuh, ma' dawk li huma msejħin skont il-providenza tiegħu, f'kollox jaħdem id f'id għall-ġid tagħhom" (Rum 8, 27). Wara 30 sena saċerdot, nista' ngħid li dan hu tassew minnu. Alla Hu tassew imħabba infinita u bla kundizzjoni lejn kulħadd. Dawk li jilqgħuh bil-qalb iħallu lilhom infushom igawdu u jifirħu b'din l-imħabba, isibu li kollox iservi ta' ġid għalihom, anke dawk iċ-ċirkustanzi diffiċli jew ta' tbatija. Kienu għalhekk snin li fihom rajt il-ħidma ta' Alla għall-ġid. U hawnhekk jidher is-sabiħ tal-ħajja saċerdotali: li jkollok sehem mill-ġid tal-Mulej u li tkun strument f'idejH biex il-ġid tiegħU jitqassam u jasal għand ħafna. Il-ħajja tas-saċerdot, anke llum, tibqa' ħajja sabiħa, bit-tlajja' u l-inżul tagħha, fejn tifraħ għal min jilqa' l-ġid tal-Mulej u jiddispjaċik għal min ifittex ġid ieħor li jispiċċa fix-xejn. Biss il-faraġ tal-Mulej jibqa' dejjem akbar minn

kull sentiment ieħor. Dan il-faraġ jagħti motivazzjoni lis-saċerdot biex ikompli jimxi fit-triq tal-Mulej, lest għas-sorpriżi li Hu għandu għalina filwaqt li jilqa' kollox bħala rigal mingħandU.



**Patri Alex Scerri O. Carm,** konfessur barrani tal-Parroċċa tagħna ***li din is-sena qiegħed jiċċelebra l-25 anniversarju mill-ordinazzjoni saċerdotali tiegħu***

Meta nħares lura lejn dawn il-25 sena ta' saċerdozju tiġini mistoqsija ġewwinija f'qalbi li nibqa' bla tweġiba għaliha: "Imma għaliex jien? X'rajt fija Mulej? Tant bnedmin oħra, aħjar u qaddisa, mhux bħali midneb u dgħajjef?" Quddiem dawn il-mistoqsijiet inwieġeb mal-Papa San Ġwanni Pawlu II li "l-vokazzjoni hija don u misteru!" Kemm ġrajjiet u okkażjonijiet matul dawn is-snin li ilni saċerdot Karmelitan fejn ħassejt il-kobor u l-qawwa ta' Alla li jaħdem bina bħal strumenti f'idejh u li ma niswew għalxejn imma madankollu jibqa' jużana u permezz tagħna jsawwab il-grazzji tiegħu. Bħal kull ħaġa oħra fil-ħajja kien hemm it-tlugħ u l-inżul, mumenti sbieħ u inqas sbieħ, imma persważ li l-Mulej jinqeda b'kollox biex jurina li Hu magħna. Ta' dan kollu, "grazzi Sinjur Alla u aħfirli Sinjur Alla", u nitolbok għal dawk il-persuni kollha li laqqajtni magħhom matul dawn il-25 sena li ilni saċerdot fl-Ordni Karmelitan u ma' Marija ruħi tfaħħar il-kobor Tiegħek.




Altern
For all your EV charging needs
Domestic | Commercial | Industrial Charging
Exclusive Partner
circontrol
hello@altern.mt
+356 2367 8900



Il-Festa t-Tajba...
FONDAZZJONI
Familji
fil-bżonn
Fondazzjoni imexxija min grupp ta' voluntiera fejn l-għan ewlieni huwa li jgħinu lil dawk il-familji kif ukoll individwi li għal xi raġuni ma' jkunux jistgħu jlaħqu mall-ħajja ta' kuljum.
12 Triq Santa Monika, Paola PLA 1220 MALTA
Mobile: 9944 5227
E-mail: info@familjifilbzonn.org
Like us on Facebook
familjifilbzonn

# It-Talb Illum: Vjaġġ għal Tama Ġdida

## *Is-Sena tat-Talb bi tħejjija għall-Ġublew tat-Tama*

Fil-21 ta' Jannar li għadda, il-Papa Franġisku waqt l-Angelus ħabbar li din is-sena se tkun dedikata għat-talb bi preparazzjoni għas-sena tal-Ġublew tat-Tama s-sena d-dieħla. B'mod speċifiku, il-Papa qalilna sabiex "nitolbu b'ħeġġa akbar biex nitħejjew ħalli dil-ġrajja ta' grazzja ngħixuha sew u tulha nġarrbu l-qawwa tat-tama ta' Alla". It-talb, f'diversi forom u b'ħafna modi, għandu l-qawwa li jwassalna għal tama ġdida u dejjiema.

Biex nifhmu din ir-rabta intrinsika bejn it-talb u t-tama, nixtieqek taħseb fl-aħħar darba li tlabt; ftakar fejn kont u għal xiex jew għal min tlabt. Int u taħseb fuq dan il-mument, innota li inti tlabt għaliex għandek kunfidenza, kbira jew żgħira, li t-talba tiegħek se tinstema' minn Alla. Din il-kunfidenza f'Alla hija preċiżament dak li l-Papa jixtieq jesprimi meta jsemmi t-tama u hija neċessarja għat-talb - mingħajr tama ma tistax titlob.

Sfortunatament, fis-soċjetà tagħna għandna ħafna nies li, minħabba ċirkustanzi diffiċli fil-ħajja tagħhom, spiċċaw tilfu din it-tama f'Alla. Madankollu, mill-esperjenza li għandi mal-ħbieb tiegħi, dejjem rajt li hekk kif persuna terġa' tiskopri l-importanza tat-talb, it-tama tagħha, kemm f'Alla u kemm fin-nies ta' madwarha, tmur għall-aħjar. Din hi l-qawwa tat-tama f'Alla li jsemmi l-Papa: tama li kontinwament tilluminak fil-ħajja. Anke f'mumenti fejn jidher li m'għadx fadal tama, it-talb dejjem jagħtina tama li tibqa'. Għal dan il-fatt hemm ħafna xhieda.

Araw il-ħajjiet tal-qaddisin, b'mod speċjali ta' San Sebastjan, li meta ġie quddiem l-Imperatur Dijoklezjanu, b'kuraġġ kbir, qabeż għall-Knisja ta' Kristu u wasal li jmut għaliha. Hu wasal biex offra ħajtu u b'hekk wera mħabba, li kif jgħidilna Ġesù stess, m'hemmx akbar minnha: "li wieħed jagħti ħajtu għal ħbiebu" (Ġw 15, 13).

Din twassalni għal xi punti fuq it-talb li jafu jkunu ta' għajnuna biex nikbru fil-ħajja tat-talb matul din is-sena. L-ewwel nett, tibżax turi lil Ġesù l-ġerħat tiegħek. Tentazzjoni kbira fit-talb hi li turi lil Alla dawk l-affarijiet tajbin biss li tagħmel (ara Lq 18, 10-14). Filwaqt li Alla jixtieq is-sagrifiċċju ta' radd il-ħajr (ara Salm 50), Hu diġa perfett fih innifsu u dak kollu li hu tajjeb diġà qiegħed għandu. Ġesù, bis-sagrifiċċju tas-salib, li niċċelebraw f'kull quddiesa, jurina li Hu jixtieq jirċievi d-dgħufija u l-ġerħat tagħna.

Punt ieħor li jkompli fuq l-ewwel hu biex tieħu kull opportunità għat-talb: sitwazzjonijiet ta' kuljum fil-familja, fix-xogħol jew fl-istudju. Dan kollu u aktar tista' toffrih lil Alla permezz ta' ftit kliem fejn tesprimi l-fiduċja tiegħek fiH. Kieku kelli nagħti sintesi ta' xi jfisser it-talb tkun li t-talb hu mozzjoni fejn aħna nagħtu dak kollu li hu dgħajjef fina u fir-relazzjonijiet tagħna u Alla jagħtina lura mħabbtu li tfejjaq kull tip ta' ġerħa ġewwinija li għandna. Għalhekk, ejjew ma naqtgħu qalbna qatt mit-talb u dejjem inħeġġu lil oħrajn sabiex fuq l-eżempju tal-ħajja tat-talb ta' San Sebastjan ma naqtgħu qalbna qatt mill-imħabba perfetta u infinita ta' Alla.

**Adam Baldacchino**
*Seminarista*


ħuhsieb
GĦANDEK BŻONN SAPPORT GĦAS-SAĦĦA MENTALI?
ĊEMPEL
1579
AĦNA HAWN GĦALIK
24/7
AQRANI
Ghal iktar informazzjoni dwar sahha mentali tajba
MENTAL HEALTH MALTA
Direttorat għall-Promozzjoni tas-Saħħa u Prevenzjoni tal-Mard


MICALLEF TRANSPORT SERVICES
'Tom-Mix', Valletta Road, Qormi (QRM 3618)
2147 0923
9928 3222 (Jesmond) / 9947 1516 (Robert)
info@tommix.com.mt
@tommixtransport


Needles & Pins
Haberdashery - Wholesalers and Retailers
Sewing, Knitting, Crafts, Curtain Accesories and more...
135, St. Sebastian Street, Qormi
2148 9351


KARMENU MIFSUD
FUNERAL SERVICES
Complete funeral services with dignity. Choose from our fleet of luxurious hearses, including grey and black Mercedes, and white and grey Jaguar. Trust us to honor your loved one with grace.
460, Victory Street, Qormi
2149 4316
9949 2458
doritamifsud@hotmail.com
Karmenu Mifsud Funeral Services


MARTINA'S
PIZZERIA & TAKE-AWAY
QORMI
1, Narbona Square, Qormi
BOOKING 2149 9968


Convenience Shop
Viċin Tiegħek
ġewwa Hal Qormi
fi Triq Hal Luqa u Triq Hammieri
miftuħin mis-6am sal-10pm
u dalwaqt ħanut ieħor ġdid ġewwa
Triq Hal Luqa, għall-konvenjenza tagħkom!


OPENING HOURS
Monday Closed
Tuesday 7am - 12pm
Wednesday 7am - 12pm 4pm - 6:30pm
Thursday 7am - 12pm
Friday 7am - 12pm 4pm - 6:30pm
Saturday 7am - 1pm
THE MEAT HOOK
BUTCHER SHOP
21266636
79261644

# Il-Ġublew tat-Tama

*Messaġġ tal-Viċi Arċipriet*

Hemm xbieha suġġestiva li Ġesù juża fl-Evanġelju meta jitkellem dwaru nnifsu: "Tassew tassew ngħidilkom li l-bieb tan-nagħaġ huwa jien. Dawk kollha li ġew sa issa qabli huma ħallelin u briganti. Iżda n-nagħaġ lilhom ma semgħuhomx. Jiena hu l-bieb; jekk xi ħadd jidħol ġewwa permezz tiegħi jsalva, u jidħol u joħroġ u jsib fejn jirgħa." (Ġw 10, 7-9)

Bieb huwa l-oppost ta' ħajt! Bieb jagħmel il-passaġġ possibbli, jgħaqqad dak li hu maqsum, iġib flimkien dak li hu separat. Ġesù mhuwiex il-ħajt tal-ħtija, tad-disprament, tal-inkomunikazzjoni. F'dan is-sens, min jiltaqa' ma' Ġesù jiltaqa' ma' Dak li jiftaħ il-ħajja fil-wesgħa, mhux ma' dak li jagħlaqha. L-iskop ta' Ġesù mhuwiex li jżomm lura imma li jkabbar il-ħajja, li jagħtik "ħajja u ħajja bil-kotra" (Ġw 10, 10), ħajja bl-abbundanza. Mhux ta' b'xejn li wieħed mill-akbar sinjali ta' qdusija huwa l-ferħ qaddis li ma jurix superfiċjalità imma ħajja spiritwali profonda.

Fl-24 ta' Diċembru ta' din is-sena, il-Papa Franġisku, propju fil-bidu tas-Sena Ġubilari, se jiftaħ il-Bieb Imqaddes. Bħalissa hemm ħajt ġewwa San Pietru li jissiġilla dan il-bieb u li jiżżarma fil-jiem qabel il-ftuħ tiegħu. F'dak il-mument, imbagħad, tinħareġ kaxxa li baqgħet issiġillata hemmhekk mis-Sena Mqaddsa ta' qabel. F'din il-kaxxa hemm iċ-ċavetta li tippermettilek tiftaħ il-bieb. Il-Papa, dakinhar tal-24 ta' Diċembru, jimbotta l-bieb b'mod simboliku. Il-bieb jibqa' miftuħ il-ħin kollu matul din is-sena għall-mogħdija tal-pellegrini. B'dan il-ġest, huwa possibli mhux biss li ngħixu bis-sħiħ l-indulġenza marbuta mas-Sena Mqaddsa imma wkoll li naraw li t-triq tal-konverżjoni tiġi permezz tal-laqgħa ma' Kristu, il-Bieb li jgħaqqadna mal-Missier.

Kien propju fl-1943 li ssejħet kompetizzjoni biex jinbena bieb fil-Bażilika ta' San Pietru għall-Ġublew li kien se jiġi ċċelebrat is-sena ta' wara. Din il-kompetizzjoni ntrebħet mill-iskultur Vico Consorti li temmu fi 11-il xahar, fil-ħin tal-inawgurazzjoni tiegħu lejliet il-Milied tal-1949. Il-bieb kien rigal lill-Papa Piju XII mingħand Franz von Streng, Isqof ta' Lugano u Basel, u l-komunità tiegħu, bħala gratitudni lejn il-Mulej talli ħeles lill-Iżvizzera mill-gwerra. It-tema li segwa l-iskultur għall-ħolqien tal-pannelli kienet: "Agħti, o Mulej, biex din is-Sena Mqaddsa tkun is-sena tar-ritorn kbir u tal-maħfra kbira." Iċ-ċiklu skulturali, fil-fatt, jirrakkonta l-istorja tal-umanità f'16-il pannella: mid-dnub u t-tkeċċija mill-ġnien tal-Eden sad-dehriet ta' Kristu Rxoxt lil Tumas u lill-appostli kollha tiegħu u x-xbieha ta' Kristu bħala l-Bieb tas-salvazzjoni fl-aħħar pannella.

Mil-lat simboliku, il-Bieb Imqaddes jakkwista tifkira partikulari; huwa l-aktar sinjal b'saħħtu għax l-għan huwa li nkunu nistgħu naqsmu minnu. Oriġinarjament, kien hemm bieb wieħed biss, fil-Bażilika ta' San Ġwann Lateran li huwa l-Katidral tal-Isqof ta' Ruma. Biex il-pellegrini numerużi setgħu jagħmlu dan il-ġest, il-Bażiliċi l-oħra ta' Ruma, maż-żmien, offrew ukoll din il-possibbiltà. Il-ġest li taqsam il-bieb jesprimi d-deċiżjoni li l-bniedem isegwi u jħalli lilu nnifsu jiġi mmexxi minn Ġesù, ir-Ragħaj it-Tajjeb. Min-naħa l-oħra, il-bieb huwa wkoll passaġġ li jwassal għal ġewwa ta' knisja. Għall-komunità nisranija


Samira Scerri
singer for weddings & other occasions with organ accompaniment...
7728 1002
samirascerri@gmail.com


St. Joseph
Woodworks
2148 7718
2748 7718
sjwqormi@onvol.net
Frans Gatt
Cannon Road, Qormi
Find us on
Facebook


TA'FONZU
BOTTLE SHOP
2122 2112
orders@alfsons.com
Manuel Magri Street, Hamrun


The Artist
men's hair salon
458, Victory Street Qormi
9989 7470
7929 4060

mhuwiex biss l-ispazju tas-sagru, li lejh wieħed iriq jersaq b'rispett, b'imġiba u ħwejjeġ xierqa, iżda huwa sinjal tal-komunjoni li tgħaqqad lil kull min jemmen ma' Kristu, il-post tal-laqgħa, djalogu, rikonċiljazzjoni u paċi li tistenna ż-żjara ta' kull pellegrin, l-ispazju tal-Knisja bħala komunità ta' fidili.

Kien il-Papa Bonifaċju VIII fl-1300 li sejjaħ l-ewwel Ġublew, imsejjaħ ukoll Sena Mqaddsa għax huwa żmien li fih nesperjenzaw il-qdusija ta' Alla li tittrasformana. Maż-żmien, il-frekwenza nbidlet: għall-ewwel kienet kull 100 sena, fl-1343 tnaqqset għal 50 sena minn Klement VI u fl-1470 għal 25 sena minn Pawlu II. Il-Ġublew li jmiss, jistqarr il-Papa Franġisku fl-ittra tiegħu, jista' jagħmel ħafna biex jerġa' jistabbilixxi klima ta' tama u fiduċja bħala sinjal ta' twelid ġdid li lkoll naħsbuh urġenti. Dan li jagħmel bieb u li ma jista' qatt jagħmel ħajt: iwasslek, ilaqqgħek mill-ġdid mat-tama! Nimxu għalhekk lejn dan il-mument bħala pellegrini tat-tama.

**Kan. Dun Dillon Bugeja**

S. Curmi & Sons
FREIGHT FORWARDING & CUSTOMS CLEARANCE
120, Mdina Road, Qormi QRM 9019, Malta
+356 2144 5471 / +356 2149 0484 / +356 2149 0529
info@scurmiandsons.com www.scurmiandsons.com


FIDI
Burger Joint
22 261 659
FOLLOW US
Wolt
Bolt Food
SAN BARTOLOMEW STREET, HAL QORM
(IN FRONT OF ST SEBASTIAN CHURCH)


MAYPOLE
STRACCIATELLA
MAYPOLE
Stracciatella
Ice Cream
2 Litre ℮
BETTER CALL MAYPOLE 22 581 581
Victory Street, Qormi QRM2509
info@maypole.com.mt
www.maypole.com.mt



FOR ALL YOUR
SCAFFOLDING
REQUIREMENTS
We deliver, assemble and dismantle
Scaffolding Solutions
A division of Vassallo Builders Ltd.
The Three Arches, Valletta Road, Mosta MST9016
tel. +356 21432333 / mob. +356 79493353
email: info@scaffoldingsolutions.com.mt
www.scaffoldingsolutions.com.mt


CHARMING BEAUTY
BY DORIANNE
FACIALS
MAKE-UP
WAXING
EYELASH EXTENSIONS
MANICURES & PEDICURES
GEL POLISH & EXTENSIONS
SEMIPERMANENT EYEBROWS
127B, ST SEBASTIAN STREET, QORMI
+356 77477338


Pawlu
Borg Cardona
9988 5274
Pawlu Borg Cardona
Induratura fuq ġibs, fiber, injam, ħadid
Xogħlijiet ta' tiswija u żebgħa fuq kull tip ta' statwi tal-ġibs
bħal Bambini tal-Milied
Restawr fuq induratura u pittura


SHÜBERG
RADIATORS
2149 4494
9948 9850
info@shubergmalta.com
shuberg.malta.com
Triq is-Sebh, Qormi
Find us on Facebook


PhotoPoint
PROFESSIONAL Services:
for any occasion
Special offer on Baptisms:
30 - 8"x10" photos will be mounted
in a Personalized Photo Album
with the picture of your baby on the
back and front cover.
The service of a professional photographer
is included.
All this for only €190
For further information call: 79055107

# Il-Kult u l-Ikonografija ta' San Sebastjan Martri

## *Il-kuntest Malti fis-Sekli 16 u 17*

F'epoki mbiegħda fejn ix-xjenza kienet limitata u fl-assenza ta' għarfien mediku fuq mard infettiv, matul epidemiji qerrieda, il-bniedem, dar b'fidi u tama lejn Alla, b'mod speċjali permezz tal-qima lejn is-Santissmu Sagrament u r-relikwi. Kien hemm devozzjoni partikulari lejn il-qaddisin patruni tal-pesta bħal Santu Rokku u San Sebastjan kif ukoll lejn qaddisin oħra fosthom il-Madonna, Santa Rożalija, San Nikola u Sant'Anna. L-istoriku Taljan Bartolomeo dal Pozzo (1637-1722) attribwixxa l-epidemija bubonika bħala tpattija divina kontra l-bnedmin għal għemilhom u dnubiethom!

Malta ma kinitx aljena għal dan il-moviment reliġjuż minħabba l-fatt li ma kinitx l-ewwel darba li nħakmet minn din il-marda qerrieda. Fl-1592, din l-epidemija hija dokumentata għall-ewwel darba b'mod uffiċjali f'Malta u kaxkret magħha madwar 3,300 vittma, aktar minn 12% tal-popolazzjoni totali tal-arċipelagu. Fl-1623, il-marda faqqgħet fid-dar ta' Paolo Emilio Ramucci, il-gwardjan tal-port ta' Malta u nfirxet malajr fid-djar tal-madwar. L-awtoritajiet malajr iżolaw lill-infettati u ttieħdu miżuri ta' kwarantina li wasslu għan-numru ristrett ta' 40 persuna mejta.



Tliet qaddisin tal-pesta: San Pawl, Santu Rokku u San Sebastjan – *Filippo Paladini c. 1593 - Knisja ta' San Lawrenz, Birgu*

It-tielet epidemija bdiet f'Settembru 1655 f'dar ħdejn il-Porta Maggiore, illum il-Victoria Gate. Jingħad li s-sid kellu kuntatt ma' membru tal-ekwipaġġ ta' bastiment infettat u li wassal il-marda lil oħtu li kienet tgħix iż-Żejtun. Meta l-marda bdiet tinfirex, l-awtoritajiet immedjatament ħadu miżuri ta' prekawzjoni neċessarja u l-epidemija ġiet ikkontrollata malajr b'madwar 100 pazjent rikoverati fil-Lazzaretto li 52 minnhom baqgħu ħajjin grazzi għal kura medika effettiva.

Wieħed mill-ewwel kwadri li Filippo Paladini (1544-1614) jpitter f'Malta wara l-wasla tiegħu bħala forzato fuq il-galeri tal-Ordni, illum jinsab fil-Parroċċa ta' San Lawrenz fil-Birgu. Dan il-kwadru huwa xogħol ta' stil Mannerista u jirrappreżenta t-tliet qaddisin tal-pesta: San Pawl, Santu Rokku u San Sebastjan. Ix-xogħol

tpitter bħala ex-voto tal-Pesta l-Kbira tal-1592-93 għall-kappella ta' Santu Rokku fl-istess knisja. Id-devozzjoni lejn dan il-qaddis bħala l-qaddis protettur prinċipali kontra l-imxija tal-pesta ġiet introdotta mill-Ordni ta' San Ġwann.

Il-kompożizzjoni mħejjija minn Paladani tippreżenta l-figuri fuq in-naħa ta' quddiem tal-kwadru, aċċentwati b'paletta ta' kuluri b'saħħithom, b'mod speċjali utilizzati għall-kromatika tal-panneġġi. Il-varjetà tal-firxa kromatika, l-allungament tal-figuri u l-qagħda rpużata tagħhom huma eku tat-tradizzjoni Mannerista, wisq probabbli influwenzata minn artist Fjorentin ieħor Andrea del Sarto (1486-1530). F'din il-kompożizzjoni piramidali, fuq nett wieħed jinnota l-Verġni Marija b'Ġesù tarbija f'idejha filwaqt li tiddomina l-figura mtawla (elongata) u semi-nuda ta' San Sebastjan. Imgeżwra f'panneġġ ta' lewn ħamrani u imposta skont il-kanoni klassiċi u akkademiċi tal-kontrappost, il-figura tal-qaddis iddawwar ħarsitha lejn il-Verġni Mbierka filwaqt li qed tippreżentalha tliet vleġeġ, is-simbolu tal-martirju.

Lil hinn mill-mard infettiv, artist ieħor barrani li għex f'Malta fl-ewwel nofs tas-seklu 17 huwa Lucas Garnier (1600-1672). Garnier huwa meqjus bħala l-aktar artist importanti f'Malta ta' bejn il-ħarba ta' Caravaggio u l-wasla ta' Mattia Preti fuq il-gżejjer. Huwa twieled f'familja nobbli f'Lorraine fi Franza u rċieva t-taħriġ artistiku tiegħu fil-viċinanzi ta' Nancy fejn issawwar f'idjoma tardo-Mannerista u Barokka. Fl-1630 qabad triqtu lejn Ruma fejn il-kompetizzjoni artistika kienet ta' livelli għolja u nduna li t-talent tiegħu tant kien limitat li ma setax iwasslu fil-bogħod. Dan wassal sabiex jitfa' ħarstu fuq Malta bħala destinazzjoni artistika aktar promettenti. Aktar 'il quddiem insibu li Garnier applika wkoll biex isir Kavallier tal-Ordni ta' San Ġwann, liema talba ntlaqgħet mill-Gran Mastru Franċiż Giovanni Paolo Lascaris (1560-1657) u huwa ġie ordnat b'dan it-titlu.



**Il-Martirju ta' San Sebastjan** - *Lucas Garnier (attr.), L-ewwel nofs tas-seklu 17 - Kon-Katidral ta' San Ġwann, Belt Valletta*

Wieħed mill-ewwel kwadri li pitter Garnier f'Malta kien dak li jirrappreżenta l-martirju ta' San Sebastjan fil-kappella ddedikata lil San Sebastjan li kienet taħt it-tutela tal-lingwa ta' Auvergne fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta. Il-prospettiva tal-artal hija waħda mill-

eqdem magħrufa f'dan it-tempju. Fil-kompożizzjoni pittorika ddisinjata minn Garnier jiddomina sens ta' monumentalità speċjalment permezz tal-figura vertikali ta' San Sebastjan marbut ma' zokk ta' siġra li taċċenna għal elementi tardo-Manneristi li kienu għadhom jippersistu f'Malta. L-immudellar tal-ġisem tal-qaddis jissuġġerixxi referenzi diretti għax-xogħol tal-artist minn Bologna Guido Reni (1575-1642) u l-pittura tiegħu li tirrappreżenta l-istess qaddis (1615) li llum tinsab fil-Mużewijiet Kapitolini f'Ruma, li Garnier wisq probabbli kien familjari magħha.

Saħansitra dan il-kwadru jressaq għad-diskussjoni elementi vernakulari Caravaggisti permezz tal-applikar tat-teknika tal-kjaroskur dehbi u l-logħob ta' dwal u dellijiet li jamplifikaw it-teatralità tal-mument. Minkejja dan, Garnier jiddistanzja ruħu mill-karatterisitiċi intensi tar-realiżmu Carvaggist filwaqt li l-figuri nżammu ħielsa minn dik it-tensjoni naturali preżenti fix-xogħlijiet ta' Caravaggio.

Aktar tard, fit-tieni nofs tas-seklu 17, l-epidemija tal-pesta bubonika ta' Malta tal-1675-1676, għal darba oħra ħalliet marka fl-annali tal-istorja Maltija. Din it-traġedja, fatali għall-bosta, seħħet bejn Diċembru tal-1675 u Awwissu tal-1676 u rriżultat f'madwar 11,300 mewta. Din kienet l-aktar epidemija qerrieda li ħakmet lil Malta matul l-istorja fejn il-biċċa l-kbira tal-imwiet ġew irrappurtati fiż-żoni urbani, inklużi l-Belt Valletta u l-Kottonera, li kellhom rata ta' mortalità ta' madwar 41%. Barra mill-bliet prinċipali, ir-rata tal-mortalità kienet dik ta' 6.9%.

Il-kawża eżatta tad-dħul tal-imxija f'Malta baqgħet waħda inċerta, wisq probabbli kaġun ta' merkanzija infettata mill-Afrika ta' Fuq peress li l-ewwel każi feġġew fid-dar ta' negozjant li importa xi oġġetti minn Tripli. L-epidemija nfirxet malajr u l-isforzi biex titrażżan kienu fqar minħabba nuqqas ta' informazzjoni, xettiċiżmu u qbil unanimu kinitx il-marda tal-pesta jew le. Minkejja d-dewmien fl-infurzar tal-miżuri, l-Ordni ta' San Ġwann esiġiet li jittieħdu passi stretti u eventwalment, wara tmien xhur, l-epidemija trażżnet.

B'rabta ma' din it-traġedja, knisja oħra li fiha tħaddan ir-rappreżentazzjoni ta' San Sebastjan bħala tawmaturgu hija dik ta' Sarria fil-Furjana, iddedikata lill-Immakulata Kunċizzjoni, li tinsab wara l-Knisja Arċipretali ta' San Publiju. Il-knisja oriġinali ngħatat l-isem f'ġieħ il-Kavallier Fra Martín Alonso de Sarría (m. 1642) minn Navarra, Spanja, li kkummissjona l-bini fl-1585, filwaqt li l-knisja preżenti taf il-bini tagħha lill-pesta qattiela tal-1675. Il-Gran Mastru Nicolas Cottoner emmen li l-interċessjoni divina tal-Immakulata Kunċizzjoni biss setgħet tinterċedi u twaqqaf il-pesta u ordna li l-knisja ż-żgħira ta' Sarria terġa' tinbena mill-ġdid fuq skala akbar bħala vot ta' ringrazzjament għall-interċessjoni tagħha.

Il-Gran Mastru kkummissjona lill-Kavallier Kalabriż Mattia Preti (1613-1699) li ħa ħsieb biex jiddisinjaha u jarrikkixxiha bi kwadri monumentali mpittra biż-żejt fuq it-tila fuq stil Barokk. Huwa l-uniku maqdes li ġie ddisinjat minn Preti u mibni mill-arkitett Lorenzo Gafà (1638-1703) u huwa mogħni b'seba' pitturi kollha mill-pinzell tal-artist Kalabriż. Il-qaddisin impittra huma konnessi b'xi mod mal-marda fatali: l-artal maġġur tal-Immakulata Kunċizzjoni, żewġ lunetti kbar iddedikati għall-allegoriji tal-Ordni ta' San Ġwann u erba' xbihat ta' qaddisin. Tlieta minnhom kienu qaddisin invokati speċifikament



**Il-Martirju ta' San Sebastjan** - *Mattia Preti c. 1677 - Knisja tal-Immakulata Kunċizzjoni ta' Sarria, Furjana*

bħala protetturi kontra l-pesta - Santu Rokku, Santa Rożalija u San Sebastjan - u r-raba', San Nikola ta' Bari, kien il-patrun tal-Gran Mastru.

San Sebastjan serva bosta drabi ta' suġġett għal Preti kemm f'Napli kif ukoll f'Taverna, il-post fejn twieled. F'Sarria, is-suldat qaddis jgħolli driegħu lejn l-artal fl-att li jinvoka l-assistenza tal-Verġni Mbierka. Sebastjan huwa rraffigurat bħala żagħżugħ b'anatomija korporea massiva u muskolari filwaqt li l-passaġġ tal-martirju huwa aċċentwat minn raġġ ta' dawl qawwi li jfeġġ mis-smewwiet mudlama. Il-feriti, kaġun tal-vleġeġ li ppenetraw il-ġisem immuskolat tal-qaddis, huma eku ta' feriti simili għall-infafet u l-pustuli, effetti tad-deni pestilenzjali. Fuq in-naħa ta' isfel tal-kwadru, wieħed jista' jilmaħ l-armatura u l-mantell ħamrani tas-suldat Ruman, elementi deskrittivi li jakkumpanjaw iżda ma jtellfux mill-attenzjoni ċentrali tax-xbieha: il-wiċċ ta' tbatija, imqassar (*foreshortened*), mera tal-ħila pittorika tal-Preti.

Kwadru artistiku ieħor li jqanqal kurżità b'rabta ma' dan il-perjodu nsibuh meqjum fil-gżira Għawdxija fil-Bażilika ta' San Pietru u San Pawl fin-Nadur. Il-kwadru jirrappreżenta lill-Verġni Mqaddsa tredda' lil binha Ġesù li tpitter biż-żejt fuq it-tila fl-1689. Dokumenti juru li dan il-kwadru ngħata lill-knisja fl-okkażjoni tal-inawgurazzjoni tal-Parroċċa l-ġdida fl-1688. Huwa żgur li din l-opra ġiet ikkummissjonata minn persuna jew persuni li aktarx esperjenzaw id-devastazzjoni tal-pesta tal-1675-1676 ġewwa Malta u mhux ġewwa Għawdex, fejn fatti storiċi jikkonfermaw li ma ġiet irreġistrata l-ebda fatalità.

Il-kwadrett, impitter fuq stil Barokk klassiku Ruman, derivattiv ta' artisti oħra Maltin attivi lejn l-aħħar tas-seklu 17, minbarra l-figura sorġuta tal-Madonna, f'kompożizzjoni piramidali, juri lil San Mikiel Arkanġlu, Santu Rokku u San Sebastjan u mara fin-naħa ta' isfel tax-xellug titlob it-talba tar-Rużarju. Għal darba oħra, San Sebastjan, marbut ma' siġra, idawwar ħarstu lejn il-Madonna sabiex tinterċedi għall-poplu Malti u teħilsu mill-madmad tal-mard qerriedi.

L-artist mhux magħruf hu wieħed provinċjali fejn il-livell artistiku tiegħu ma laħaqx dak ta' artisti oħra kontemporanji li għamilt referenza għalihom aktar qabel. Minkejja dan, id-devozzjoni tmur lil hinn mill-kanoni artistiċi u kwadri simili jfakkruna fi żminijiet imbiegħda meta t-twemmin fil-qawwa tal-pittura sagra kien meqjus bħala mezz li jmiss



**Il-Verġni Mqaddsa tredda lil Binha Ġesù**
*Anon. - 1689 - Bażilika ta' San Pietru u San Pawlu, Nadur*

il-qalb u jsostni r-ruħ tal-bniedem. Il-figura għarkupptejha titlob it-talba tar-Rużarju, wisq probabbli, tirrappreżenta lill-persuna li offriet dan il-kwadru bħala offerta votiva (ex-voto) lil dawn il-qaddisin għat-twettiq tal-wegħda jew bħala gratitudni marbuta ma' dan il-passaġġ traġiku tal-istorja Maltija.

**Hilary Spiteri**
***Storiku tal-Arti, Storjografu u Edukatur***





aLIGHTING
telephone
+ 356 2756 0916
mobile
+ 356 9940 5429
email
sales@alightingmalta.com
Address
22, Bertu Hyzler Street,
Qormi
Find us on:
facebook


Carmelo Saliba
CS
Service Station
Fuel Station
Puncture Repairs
New Tyres
Wheel Balancing
Car Wash
Car Accessories
Car Core Products
Lubricants
CARMELO SALIBA
BARDAHL
St Sebastian Street c/w Main Street, Qormi
9982 6675
gagujs@maltanet.net

# Saint Sebastian Parish

## *Our Community*

It is with pleasure that we address our non-Maltese-speaking parishioners in this year's festa edition of the Parish publication. St. Sebastian Parish is a vibrant Christian community set up in 1936 as an off-shoot of the older neighbouring Parish of St. George in Qormi. The dedication to St. Sebastian dates back to 1575, as documented during the rule of the Knights of St. John. During an Apostolic Visit that year, Mgr. Pietro Dusina assessed the chapels and churches in Malta. He found a chapel in Qormi dedicated to St. Sebastian, which no longer exists today. This chapel lacked the basic amenities necessary for liturgical use, leading Mgr. Dusina to order its closure. However, the devotion to St. Sebastian was revived in 1813. In that year Malta had just become a British colony after having been under British control since 1800. A plague struck the islands and Qormi was the worst hit with around 750 deaths. The people of Qormi made a vow to St. Sebastian, as patron saint against infective diseases, that they would erect a statue of him if he delivered them from the plague. When the ordeal was over, true to their word, the locals commissioned two sculptors from Birgu, the Fabri brothers, to produce the stone statue of St. Sebastian which still stands at the centre of our parish. Later, a small church was built in front of it, also dedicated to St. Sebastian. As soon as this church started functioning as a parish church, the need was felt for a bigger church to cater for the ever-expanding community on the outer side of Qormi. The result is the larger St. Sebastian church consecrated in 1986 by the late Archbishop Joseph Mercieca.

The Parish is home to around 10,000 parishioners and 2,750 families. During these last 10 years, we have seen a marked influx of foreign nationals settling among us. Some only stay here for a short period in transit towards a more permanent settlement elsewhere. Others stay here for longer while others have set up a permanent home among us. We are happy to host a number of these new residents also in our Parish community. Some of them are regular participants in Parish services and groups.

There are different ways how newcomers can benefit from being part of our lively community and also to contribute to it. The Parish offers regular morning and evening masses from Monday morning to Sunday evening. Confession is usually offered just before or during masses, particularly during the weekend. You will find confessionals on the side aisles at the back of the church. The church also offers catechism classes for children. Other catechism classes are offered by the Society of Christian Doctrine MUSEUM, which has 3 centres in our parish. You can get more information about these from the Parish office which is open on Monday, Wednesday and Friday from 9:00am to 10:30am and from 5:00pm to 6:30pm and which is accessible from the back of the church. Particularly active are the altar boys group, the bell ringers group, the youth group IMPACT, the GROWING TOGETHER group for young couples as well as the Ladies Circle which meets every Wednesday morning. The 'Sodalità San Sebastjan' is made up of three confraternities that

help out in the major church services throughout the year, particularly in processions that pass through the main streets of the Parish. The Parish also offers free counselling services.

The highlights of the calendar year at the Parish are Christmas, Easter and the annual village festa. While the liturgical feast of St. Sebastian is celebrated on the 20 of January, a bigger celebration takes place every third Sunday of July. Other groups and associations active in the Parish collaborate to make this annual event a success. Chief among these are the local band club, the group that decorates the streets as well as the group that prepares the fireworks. Inside this book, you will find a complete programme which you may wish to go through, perhaps with the help of some Maltese friend who can help with literal and cultural translation. We invite all foreigners living in our Parish for a mass to be celebrated on Saturday 13 July at 6:30pm at the parish church. Moreover, on Saturday 20 July evening, we will have a solemn procession with the reliquary of St. Sebastian from the old church to the parish which starts at 6:30pm and is followed by mass. On Sunday 21 July then, we will have a high mass at 9:00am followed by a traditional band march that goes around the streets of the parish. At 7:00pm then we will have the highlight of the festa with the procession in which the statue of St. Sebastian is carried around the streets of the parish, returning to the parish church at around 10:30pm, ending with a beautiful celebration in church. We welcome you to join us in the festivities. Your presence among us will make our community more alive and vibrant.

**Mario Cardona**



# Is-Soru tal-Uffiċċju Parrokkjali għalqet 100 sena!

## *Intervista ma' Suor Bartolomea Gauci*



*F'Jannar li għadda, Suor Bartolomea Gauci, soru fil-komunità Agostinjana tal-Parroċċa tagħna u li għal numru ta' snin serviet bħala s-segretarja tal-Parroċċa, iċċelebrat għeluq sninha fl-età sabiħa ta' 100 sena u għalhekk qasmet magħna xi tifkiriet u memorji minn ħajjitha.*

**Għidilna ftit dwarek...**

Jien twelidt fit-12 ta' Jannar 1924 fir-raħal Ta' Kerċem, Għawdex. Jisimni Bartolomea bħala soru għax jien mgħammda Maria Antonia. Twelidt fid-dar fejn konna noqogħdu, fl-isqaq li dak iż-żmien kien imsejjaħ "Ta' Pilatu". Konna tmien familji ngħixu f'dan l-isqaq u llum fih kważi ma baqa' ħadd; anki l-isem bidlulu. Jien kont ngħix hemm flimkien mat-tmien ħuti.

**Kif sejjaħlek il-Mulej biex taqdih bħala soru Agostinjana?**

Viċin tagħna kien hemm il-knisja ta' Santu Wistin u l-kunvent tal-Agostinjani u aħna konna midħla tagħhom. Kellna wieħed minn tal-familja Fra magħhom u missieri kien ukoll jerfa' l-vari tal-knisja. Jiena, b'mod naturali, kont miġbuda lejn dak il-kunvent. Kont nisma' l-qniepen idoqqu u mmur għall-funzjoni. Kont immur hemm għall-qrar ukoll u darba, kienet il-festa tal-Madonna tal-Karmnu u mort inqerr. Sabni l-ajk u qalli "Sinjorina, il-qassis tiegħek mhux hawn illum għax mar għall-festa iżda hawn xi ħadd ieħor jinqala'". Kien Patri Anġ Pizzuto. Xħin raddejt is-salib, beda jgħidli kollox hu u ħallieni bla kliem. Qalli l-ħajja kollha tiegħi. Fl-aħħar qalli "Il-Mulej iridek għalih; iridek soru". Kien eżattament is-16 ta' Lulju 1951. Kelli 27 sena. Minnufih mort ngħid lil tad-dar u l-ġenituri laqgħu d-deċiżjoni tiegħi bil-qalb.

F'Ottubru ingħaqadt mill-ewwel mal-komunità Agostinjana f'Ħal Qormi. Bdejt in-novizzjat hawn u wara mort sena l-Italja. Wara reġgħu ġabuni lura Ħal Qormi. Imbagħad mort sentejn Birkirkara u erġajt ġejt hawn. Minn dakinhar qatt ma mxejt. Għext iktar Ħal Qormi milli Għawdex!

**X'kien l-irwol tiegħek bħala soru?**

Jien għamilt xi żmien kap tal-iskola hawnhekk, fl-iskola ta' Santa Monika, u għal xi żmien kont ukoll responsabbli mill-bieb tal-iskola. Qattajt xi żmien sagristana tal-kappella tagħna. Jien kont ġejja minn raħal ċkejken fi gżira żgħira u spiċċajt f'raħal kbir. Meta ġejt hawn skantajt ftit għax bdejt nisma kunjomijiet li Għawdex qatt ma kont smajt bihom. Mal-Qriema integrajt mill-ewwel u kienu jħobbuni.

**Mal-Qriema inti magħrufa l-aktar bħala s-soru tal-Uffiċċju Parrokkjali. Kif spiċċajt segretarja tal-Parroċċa?**

Il-kappillan Deguara kien imur ta' spiss il-Kurja u kien jara diversi sorijiet jassistu fl-amministrazzjoni. Mill-ewwel intebaħ li kellu bżonn lil xi ħadd billi l-Parroċċa kienet qed tikber, kemm mil-lat ta' popolazzjoni kif ukoll kien hemm il-knisja l-ġdida qed tinbena. Hu avviċina lis-Superjura ta' dak iż-żmien biex jitlobha tibgħatni ngħinu. Hi għall-ewwel ma riditx iżda fl-aħħar kellha tgħidlu iva. Jien ma mortx mill-ewwel u Dun Vinċenz qalli "Mela int m'inti ġejja qatt?". F'għeluq snini tal-1976 kont ħeġġiġt lis-Superjura biex ninżlu sal-knisja u morna għand il-kappillan. Mill-ewwel poġġejt mal-mejda u bdejt naħdem. Kienu jiġu n-nies għal xi ċertifikati tal-magħmudija, biex jagħmlu quddiesa għall-erwieħ jew biex jirreġistraw għaż-żwieġ. Għall-ewwel kien joqgħod maġenbi l-kappillan minħabba li ħafna dokumenti kienu bil-Latin. Jien kont naf ftit Latin u hawnhekk komplejt nidrah. Imbagħad komplejt waħdi. Kulħadd kien jiġi għand is-soru. Għal xi żmien kien hemm seminarista li kien jinżel jgħinni biex nirranġa r-reġistri tal-Parroċċa.

Jien ħdimt mal-kappillan Deguara mill-1976 u komplejt ma' Dun Charles Cordina, Dun Walter Cauchi u Dun Joseph Buhagiar. Il-kappillan Buhagiar kien l-aħħar wieħed li ħdimt miegħu għax qabel ma temm il-parrokat tiegħu, irtirajt.

**Meta bdejt bħala segretarja, il-knisja kienet għadha qed tinbena. X'tiftakar?**

Niftakar li l-kappillan Deguara kellu biċċa wġigħ ta' ras kbira bil-knisja b'mod speċjali biex jagħlaq il-koppla. L-uffiċċju kien il-ħin kollu bil-periti deħlin u ħerġin. Kien ikun hemm periti kemm privati kif ukoll tal-Gvern. Kienet problema kbira iżda mbagħad il-Mulej bagħat lill-perit Italo Raniolo li kien studja fuq il-konkrit u b'hekk bis-saħħa tiegħu ingħalqet il-koppla kif nafuha llum. Il-festa lħaqtha ssir isfel fil-kripta biex imbagħad fl-1982, meta nfetħet il-knisja, ittrasferejna kollox fuq. Jien niftakar ukoll it-trakkijiet deħlin il-knisja biex jillivellaw l-art u l-perit Azzopardi kien jinżel ħdejja biex iċempel ħalli t-trakkijiet iġibulu l-materjal għall-knisja.

**Xi tgħidli dwar il-ħidma tiegħek mal-kappillani?**

Lil Deguara n-nies ħabbitu u baqgħet tħobbu. Kien irnexxielu jaqta' x-xewqa tal-parruċċani. Kulħadd kien qalbu maqtugħa fuq il-knisja u hu kien tahom dak li kienu ilhom jixtiequ - li titlesta u tinfetaħ - u ta' dan il-poplu dejjem baqa' grat lejh.

Warajh ġie Cordina li ħadem biex il-Parroċċa tikber mil-lat pastorali. Twaqqfu diversi kummissjonijiet, kiber il-grupp tal-abbatini u għamel enfasi fuq il-lat spiritwali tal-Parroċċa.

Warajh ġie Dun Walter li beda proġett kbir ieħor. Aparti l-qniepen u z-zuntier ħadem biex jibni ċ-Ċentru Parrokkjali. Hu kien kapaċi għax-xogħol tal-idejn u kien imidd idu għal kollox. Kellu lil Dun Joe Gatt jgħinu kif ukoll lil Dun Joe Borg li ħadem ħafna għall-proġetti l-kbar. Fl-aħħar ġie Dun Joe Buhagiar li jien ħdimt miegħu sa nofs il-parrokat tiegħu. Jien kont qed inqarreb lejn id-disgħin u għidtlu li nixtieq inwarrab għax ma kontx għadni niflaħ. Kien hemm Maria Mifsud li kienet turi interess u għallimtha kollox. Hi

kienet taf il-kompjuter u allura setgħet torganizza aktar l-uffiċċju. Jien għamilt 40 sena naħdem fl-uffiċċju u permezz t'hekk sirt naf ħafna lill-parruċċani.

**X'parir tagħti lil min qed jisma' s-sejħa tal-Mulej għal xi vokazzjoni?**

Illum il-vokazzjonijiet saċerdotali kif ukoll dawk reliġjużi naqsu. Jien lil min qed jisma' s-sejħa tal-Mulej ngħidlu: isma' dak li qed jgħidlek il-Mulej u ara xi jrid minnek. Biex tkun taf xi jrid minnek Ġesù jeħtieġ li ssir taf min Hu. Dan jista' jsir biss permezz tal-Iskrittura għax il-Mulej ikellimna permezz tal-Kelma tiegħu. Jien meta ħadt interess fil-Kelma t'Alla u fil-Kotba Mqaddsa, Ġesù wera xi jrid minni u jien intlaqt f'idejH. Dan hu l-parir li nagħti lil min qed jisma' lill-Mulej isejjaħlu.






# Min hu l-Abbati?

Papa San Pawlu VI darba qal lill-abbatini: "Intom abbatini tajbin għax tkunu viċin Ġesù. Intom importanti fil-quddiesa. Kif tista' l-Knisja tmexxi s-servizzi tagħha mingħajrkom?!"

Fil-quddiesa, l-abbati, bħal qassis, ikun viċin ta' Ġesù aktar min-nies l-oħra. Xi grazzja! Mhux ta' b'xejn li bħala patrun tal-abbatini nsibu lil San Tarċisju. Tarċisju kien iwassal l-Ewkaristija lill-insara fil-ħabs. Darba minnhom, xi tfal tamparu rawh iżomm xi ħaġa ma' sidru. Waqqfuh u qalulu biex jagħtihom dak li kellu ma' sidru. Hu ma riedx għax ma' sidru kien qed iżomm l-Ewkaristija. Għalhekk bdew iwaddbulu l-ġebel u qatluh imma l-Ewkaristija baqgħet viċin qalbu. L-abbati huwa msejjaħ minn Ġesù biex iservih fuq l-artal u jkabbar il-ħbiberija tiegħu permezz tat-talb u billi ta' spiss jirċievi f'sidru l-Ewkaristija.

Fil-Parroċċa tagħna għandna grupp sabiħ ta' abbatini fejn 34 tifel jagħtu s-servizz tagħhom fil-quddies u l-liturġija tal-Knisja. L-abbatini tagħna jkollhom mumenti ta' formazzjoni u talb biex bħal San Tarċisju jgħożżu ma' qalbhom lil Ġesù li sejħilhom biex ikunu ħdejh. Matul is-sena jsiru laqgħat għall-abbatini ż-żgħar fejn jitgħallmu kif jagħmlu s-servizz fuq l-artal, l-affarijiet li jintużaw fil-quddiesa u servizzi oħra bħal adorazzjonijiet u t-talba tal-Għasar. Ma jonqosx li qabel il-laqgħa, l-abbatini jkollhom ħin għal-logħob. L-abbatini l-kbar ikollhom laqgħa għalihom fejn jitgħallmu u jiddiskutu l-funzjonijiet tal-



Knisja u l-ħajja tal-fidi tagħna.

Matul is-sena, il-grupp tal-abbatini jagħti s-servizz tiegħu fil-Knisja Arċipretali f'diversi funzjonijiet kif ukoll waqt il-quddies tal-weekends. Ma jonqsux is-servizzi fil-Milied, fil-Ġimgħa Mqaddsa u fil-festa ta' San Sebastjan. L-abbatini tagħna jieħdu sehem f'diversi purċissjonijiet bħal dik tal-Irxoxt. Tul dawn is-snin kellna wkoll diversi abbatini li jitilgħu l-Vatikan biex jagħtu s-servizz tagħhom fil-Bażilika ta' San Pietru, il-Vatikan.

L-abbati jrid jikber fil-ħbiberija ma' Ġesù u mal-oħrajn. Għalhekk il-kumitat tal-grupp jieħu ħsieb jorganizza diversi attivitajiet għall-abbatini u l-familji tagħhom: festin tal-Milied, hikes, tournaments tal-futbol, baħar, live-ins u ħafna aktar.

Bħala poplu tal-Parroċċa ta' San Sebastjan mħeġġa biex nitolbu għal kull abbati sabiex ikun viċin ta' Ġesù mhux fis-servizz biss imma f'ħajtu wkoll. Imħeġġa nitolbu wkoll biex minn dan il-grupp joħorġu ħafna vokazzjonijiet saċerdotali u reliġjużi. Jalla kull abbati fil-Parroċċa tagħna jkun ta' eżempju sabiħ ta' persuna li qed taqdi lil Alla bil-ferħ.

**Dun Nicholas Dimech**






Party Supplies malta.com

# OPENING SOON

MDINA ROAD, QORMI
*(Next door to KREA/Ex-Bargain Teleshopping)*

Meanwhile find us from the back in
K. CAMILLERI STREET, QORMI




2122 2227
info@partysuppliesmalta.com
Party Supplies Malta



The Resin and Membrane Centre
Professional Waterproofing Solutions, Resin Floors
DISCOVER the THERMAL RESIN
THE RESIN & MEMBRANE CENTRE
The Resin and Membrane Centre
264, Old Railway Track, Sta Venera
t 2147 7647
www.theresincentre.com
facebook.
Stay cool this summer and increase your solar panels intake with a professional THERMAL resin waterproofing liquid membrane 15 year guarantee.
naici




Visage SOUND LIMITED
LARGE SCALE EVENTS
WE SPECIALISE IN PROFESSIONAL DJ SETUPS
Uplighters, other lighting, cold sparkles + much more.
Visage Sound Limited has been Malta's leader in sound system rentals, stage rentals, line array's and professional wedding entertainment for more than 30 years.
Meyer Sound
VOID
L-ACOUSTICS
Pioneer DJ
99473535
visageltd@gmail.com

# L-esperjenza ta' żewġ abbatini mill-Parroċċa tagħna fil-Vatikan



Fis-sajf u fil-Milied tal-2023, jiena flimkien ma' abbatini oħra minn diversi Parroċċi, kellna l-opportunità li nagħtu servizz fil-Bażilika ta' San Pietru fil-Vatikan.

Konna nibdew bis-servizz minn kmieni filgħodu. Malli naslu, wara li nilbsu l-libsa, konna nħaffu nitilgħu fis-sagristija nippreparaw l-affarijiet għall-quddies. Hemmekk konna nitqassmu skont is-servizz tagħna, kuljum b'xi ħaġa differenti. Fil-quddiesa tal-Ħadd fuq l-artal tal-Katedra kelli l-opportunità li nagħmel is-servizz ta' ċensier. Dan l-istess servizz għamiltu wkoll fuq l-*Artale della Confessione* - l-artal Papali - nhar il-Milied meta erġajt kont il-Vatikan. Din kienet esperjenza unika għalija għax dan l-artal, normalment, jintuża biss mill-Papa u jgħinu fuqu s-seminaristi. Din id-darba qaddes fuqu l-Kardinal Mauro Gambetti - l-Arċipriet tal-Bażilika - u għinna fuqu aħna l-abbatini Maltin. Kellna wkoll iċ-ċans inqattgħu ftit ħin nilagħbu l-futbol meta morna l-*Collegio Urbano* fejn iltqajt ukoll mal-eks-Kappillan tal-Parroċċa tagħna Dun Joseph Buhagiar.

Għal darba oħra, din reġgħet kienet esperjenza memorabbli minħabba li kienet l-ewwel esperjenza tiegħi bħala *leader* tal-abbatini l-oħra. Barra minn hekk, iltqajna wkoll mal-Kardinal Malti Mario Grech li waqt il-mawra tagħna nzerta kien ser iqaddes fil-Bażilika.

**Luke Scicluna**





Fis-sajf li għadda, ġejt magħżul biex nitla' l-Vatikan sabiex nagħti servizz fil-Bażilika ta' San Pietru. Din kienet l-ewwel esperjenza tiegħi u kienet tirrikjedi ħafna studju u preparamenti.

Fl-2021 ħarġet applikazzjoni għall-abbatini li xtaqu jitilgħu l-Vatikan fl-2023. F'Jannar 2022 bdejt il-kors: laqgħat, xogħol tad-dar, studju u eżami. Il-kors jinkludi wkoll kif inlibbes lill-qassis qabel joħroġ għall-quddies, f'liema artal irrid inwasslu u kif nipprepara l-kalċijiet. Parti oħra mill-istudju kienet li ridt nitgħallem fejn qegħdin l-artali tal-Vatikan, x'jisimhom u xi trid tagħmel waqt il-quddiesa mal-abbatini l-oħra. Meta wasalna, Dun Frans Bonnici, direttur spiritwali tal-abbatini, uriena fejn jinsabu l-kappelli tal-Bażilika li fuqhom kienu se jitqaddsu l-quddies. Fil-ġranet ta' wara attendejna għall-provi tal-quddies. Is-Sibt saret il-vestizzjoni fejn tawna l-faxxa l-ħamra, simbolu li sirna abbatini tal-Vatikan. Ma nistax ma nsemmix l-udjenza mal-Papa Franġisku.

Kienet esperjenza li ma ninsa qatt tant li din is-sena se nerġa' nitla' bħala *leader* biex inkun nista' ngħin lill-abbatini li telgħin għall-ewwel darba. Nixtieq nirringrazzja lill-Viċi-Arċipriet Dun Nicholas Dimech li ħeġġiġni biex nidħol abbati u lill-Arċipriet Dun Ewkarist Zammit tas-sapport kontinwu li jagħtini.

**Mikhail Camilleri**

**Din is-sena, żewġ abbatini mill-Parroċċa tagħna,**
**Ismael Borg Debono u Mikhail Camilleri,**
**li flimkien mas-seminarista Adam Baldacchino**
**se jkunu qed jagħmlu esperjenza bħala abbatini fil-Vatikan… nifirħulhom u nitolbu għalihom!**




# Dun Gino Mangion

*50 Anniversarju mill-Mewt Tiegħu (1942-1974)*

Din is-sena qegħdin infakkru l-50 anniversarju mill-mewt ta' Dun Gino Mangion. Xi wħud għadhom jiftakruh sal-lum u oħrajn jafu dwaru minn dawk ta' qabilhom. Dun Gin, kif kien magħruf ma' kulħadd dak iż-żmiem, kien l-ewwel qassis imwieled u mgħammed f'din il-Parroċċa.

Twieled fis-26 ta' Frar 1942 f'xelter waqt l-eqqel jiem tal-gwerra, sewwa sew waqt attakk mill-ajru. Huwa ġie ordnat saċerdot mill-Arċisqof Mikiel Gonzi fit-30 ta' Marzu 1968 u qaddes l-ewwel quddiesa solenni tiegħu fil-Kripta fil-21 ta' Lulju tal-istess sena. Beda x-xogħol pastorali tiegħu fil-Parroċċa bħala Viċi-Kappillan u ġew afdati f'idejh il-Piccolo Clero (l-abbatini) u l-Leġjun ta' Marija. Waqqaf grupp ta' żgħażagħ - l-Għaqda Studenti Skejjel Sekondarji - u kien jindokra dan il-grupp l-ewwel nett fil-ħtiġijiet spiritwali tagħhom kif ukoll dawk kulturali u soċjali. Dan il-grupp kien joħroġ ir-rivista 'Stimulus' kull xahar li fiha kienu jikkontribwixxu diversi żgħażagħ fosthom Charles Scicluna, illum Arċisqof ta' Malta. Minn dan il-grupp ta' żgħażagħ ġew ukoll iffurmati diversi familji sodi fil-valuri nsara. Peress li kien għadu kif intemm il-Konċilju Vatikan II, Dun Gin introduċa l-quddiesa għaż-żgħażagħ li dak iż-żmien kienet tissejjaħ 'folk mass' għax il-kant kien isir bid-daqq tal-kitarri, ħaġa li dak iż-żmien kienet rivoluzzjonarja.

Kien ukoll direttur spirtwali tal-Banda Pinto. F'din il-kariga Dun Gin ħadem ħafna għal ġid spiritwali ta' bosta żgħażagħ u rġiel li kienu jiffrekwentaw il-każin tal-banda. Bosta kienu dawk li daħlu lura fil-merħla ta' Kristu wara żmien 'il bogħod mis-Sagramenti. Wara mewtu kien sar magħruf li mejda partikolari fil-bar tal-każin kienet il-"konfessinarju" tiegħu. Meta kien ikun bilqiegħda ma' din il-mejda kien dejjem ipoġġi miegħu wieħed biss, qatt tnejn jew iżjed. Fost il-ħidma pastorali tiegħu, il-qrar kien fuq quddiem nett. Wara mewtu kien ukoll sar magħruf li kien iressaq lejn is-Sagrament tal-qrar diversi persuni li kienu jiffrenkwentaw ħwienet tax-xorb kif ukoll oħrajn li xogħolhom kien ikun fit-toroq matul il-jum.

Dun Gino ħadem ħafna wkoll fil-ġbir ta' fondi għall-Parroċċa peress li dak iz-żmien il-knisja kienet għadha qed tinbena. Kien beda l-ġabra speċjali ta' kull xahar, li kienet tissejjaħ is-'Silver Collection', fost diversi inizjattivi oħra b'risq il-bini tal-knisja l-ġdida. Sena qabel miet, Dun Gin kien maħtur prokuratur tal-festa ta' San Sebastjan. F'din il-kariga huwa ta bidu biex isir armar ġdid fit-toroq matul il-jiem tal-festa. Kien ħaseb li jibda bi Triq San Bastjan li kienet meqjusa l-aktar triq importanti. Kellhom jitlestew pavaljuni ġodda għall-festa tal-1974; baqa' bla ma qatt rahom jiżżanżnu. Id-Djoċesi kienet ħatritu chairman tal-Bord tal-Liturgija kif ukoll membru fil-Kulleġġ tal-Viċijiet u fil-Kunsill Rappreżentattiv Djoċesan.

L-aħħar servizz liturġiku tiegħu f'din id-dinja kienet il-purċissjoni tad-Duluri, propju ġurnata qabel miet. Huwa rreċita r-Rużarju għal diversi drabi u wara mmedita l-Via Sagra. Kif intemmet il-purcissjoni, Dun Gin kien daħal fil-konfessinarju jkompli jqarar sa ma



**30 ta' Marzu 1968**
*Ordinazzjoni Saċerdotali ta' Dun Gino Mangion mill-Arċisqof Mikiel Gonzi fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta*



**13 ta' Lulju 1968**
*Tranżulazzjoni Solenni tar-relikwa ta' San Sebastjan Martri mmexxija mis-saċerdot novell Dun Gino Mangion*



**21 ta' Lulju 1968**
*L-ewwel Quddiesa Solenni ta' Dun Gino Mangion fil-Kripta tal-Knisja Arċipretali*



**7 ta' April 1974**
*L-aħħar tislima lil Dun Gino Mangion immexxija mill-Kappillan Dun Vinċenz Deguara*

ntemmet il-quddiesa ta' wara l-purċissjoni. Ta' min isemmi li fil-jum għażiż tad-Duluri, Dun Gin kien qaddes l-ewwel quddiesa ta' filgħodu u kien reġa' qaddes il-quddiesa tat-tifkira. Ta' min jgħid ukoll li l-ewwel purċissjoni li mexxa bħala saċerdot kienet ukoll dik tad-Duluri fl-1968, iċċelebrata wkoll nhar il-5 ta' April. Fis-sigħat bikrin tal-għada, is-Sibt 6 ta' April 1974, il-Mulej sejjaħlu u ruħu ttajret lejn il-Ħallieq Divin fl-età żgħira ta' 32 sena.

**Sebastian Mangion**
***Ħu Dun Gino Mangion***







# L-Aħwa Attard fl-Għalqa tal-Mulej

## *Il-ħidma ta' tliet aħwa sorijiet Dumnikani*

F'dan l-artiklu se nitkellmu dwar tliet aħwa mill-Parroċċa ta' San Sebastjan Martri f'Ħal Qormi li waħda wara l-oħra għażlu li jsegwu lil Ġesù bħala sorijiet fi ħdan il-Kongregazzjoni Dumnikana f'Malta. Dawn huma Sr Costantina, Sr Valentina u Sr Evellina Attard, ulied Duminku Attard u Maria, imwielda Micallef. Il-Kongregazzjoni tas-sorijiet Dumnikani rat it-twelid tagħha fir-Rabat, Għawdex, fl-1889. L-ewwel kunvent f'Malta kien dak imsejjaħ Casa San Pietro, Ħal-Lija, fl-1916.

Il-kbira fost l-aħwa Attard hija Maria Stella li twieldet fl-1930 u daħlet fil-kunvent tal-Lunzjata, Għawdex, il-Casa Madre, fl-età ta' 18-il sena. Tawha l-isem ta' Sr Costantina u wara li ħadet l-abitu Dumnikan u għamlet sentejn ta' formazzjoni reliġjuża, għamlet il-professjoni reliġjuża u saret membru sħiħ tal-Kongregazzjoni tas-sorijiet Dumnikani ta' Malta. L-appostolat ewlieni ta' Sr Costantina kien mal-morda u l-anzjani. Għaldaqstant, ħadmet f'Casa San Pietro, f'St. Catherine Home, Ħ'Attard, u saħansitra f'Hook, l-Ingilterra. Hawnhekk hija kienet strumentali biex infetħet id-dar Maryfield Convent fl-1961. Il-ħidma mal-anzjani li bdiet flimkien ma' soru oħra Maltija għadu jagħti l-frott sal-lum. Fis-snin 70, Sr Costantina rritornat Malta u kompliet bil-missjoni taghha fl-isptar Santa Katarina u f'kunventi oħra. Għal xi żmien għenet ukoll fit-tmexxija tal-Kongregazzjoni. Hija kellha karattru ferrieħi, tħobb lil kulħadd u tħobb ħafna t-talb komunitarju u privat. Kienet ukoll famuża ħafna għat-tisjir. Hija mietet fl-età ta' 89 sena nhar it-12 ta' Mejju 2019.

Wara seba' snin li Sr Costantina kienet ilha fil-kunvent, oħtha Antonia segwiet il-passi tagħha għax iddeċidiet li hi wkoll issir soru Dumnikana. Bħal oħtha għamlet is-snin tal-formazzjoni fil-kunvent tal-Lunzjata ġewwa r-Rabat, Għawdex. Lil Antonia, li kienet għalliema, tawha l-isem ta' Sr Valentina. Nhar San Pawl tal-1965 ġiet mibgħuta Sydney, l-Awstralja. Sr Valentina wkoll kienet strumentali biex infetħet l-ewwel dar tas-sorijiet Dumnikani fi New South Wales. Xi żmien wara, tat is-servizz tagħha f'Rosary



Home, Melbourne. Hemmhekk, Sr Valentina kompliet tagħmel appostolat mat-tfal bħala għalliema. Għal xi żmien ġiet taħdem mat-tfal fl-Istitut San Ġużepp, Ħaż-Żabbar. Però Sr Valentina kienet tħobbha ħafna l-Awstralja u fl-1984 marret lura f'Rosary Home, Melbourne. Hawnhekk, l-appostolat tagħha nbidel għal dak tal-kura tal-anzjani fejn kienet ferm kuntenta u għal qalbha. Hija mietet nhar is-27 ta' Marzu 2021 fl-età ta' 88 sena.

Sena wara li daħlet Sr Valentina, segwiet ukoll iż-żgħira, Annie, ta' 18-il sena, li tawha l-isem ta' Sr Evellina. Immedjatament wara ż-żmien tal-formazzjoni, Sr Evellina ġiet mibgħuta l-Ingilterra tistudja għal infermiera u kif spiċċat il-kors, għamlet ukoll il-kors ta' qabla. Hija ħadmet għal ħafna żmien fl-isptar Santa Katarina u għal numru ta' snin kienet ukoll responsabbli mill-kura tal-anzjani ġewwa Ħal Lija u fl-Istitut Apap ta' Santa Venera. Sr Evellina kienet persuna ta' sagrifiċċju u tad-dover, serja u ta' ftit kliem. Hija mietet f'Lulju 2022 fl-età ta' 84 sena.

Nirringrazzjaw lill-Mulej għall-ġid kbir li wettaq b'dawn ħutna, ulied din il-Parroċċa, li offrew ħajjithom għas-servizz tal-Knisja bħala sorijiet Dumnikani. Nitolbu biex l-għalqa tal-Mulej ma tkun qatt nieqsa minn persuni ġenerużi li jkomplu jkabbruha u jsebbħuha. Nitolbu għall-familji biex ikunu art tajba li minnhom joħorġu għadd kbir ta' vokazzjonijiet saċerdotali u reliġjużi.

**Sr Phyllis Grima O.P.**
***Madre Provinċjali***






# Mill-Faċċati tas-Sagristan

*Il-ħidma tkompli fiż-żewġ ġawhriet tagħna l-Qormin*

Matul is-sena li għaddiet, il-ħidma li jġibu magħhom iż-żewġ tempji tal-Parroċċa tagħna ssuktat. Grazzi għall-għajnuna tal-voluntiera li kontinwament jagħtu d-daqqa t'id tagħhom, komplejna naħdmu biex fil-knejjes tagħna jkollna ambjent li jixraq. Iżda kull proġett, opra u ħidma li ssir, bil-għajnuna ta' ħafna nies, mill-kbir nett sal-iċken, għandhom għan wieħed: li jgħinuna ninġabru, nitolbu u li permezz tagħhom nagħmlu l-aħjar esperjenza ta' fidi possibbli.

Parti importanti fil-ħidma tagħna hija ż-żamma u l-indafa tal-knejjes. Dan huwa possibbli għal grupp kbir ta' voluntiera, irġiel u nisa, li jagħtu d-daqqa t'id tagħhom f'dan ir-rigward. Illum il-ġurnata, it-tindif tal-knejjes tagħna jiġi mqassam fuq diversi ġranet matul il-ġimgħa. Filwaqt li nirringrazzja lil dawn il-voluntiera għad-dedikazzjoni tagħhom, inħeġġeġ aktar nies jingħaqdu f'dan il-grupp biex jagħtu l-għajnuna tagħhom fit-tindif tat-tempji tagħna.

Matul din l-aħħar sena tkomplew ukoll diversi proġetti u xogħlijiet ta' restawr fil-knejjes tagħna. Nieħu l-opportunità biex f'isem il-Parroċċa nirringrazzja lil kull min jagħti s-sehem tiegħu, b'ħafna modi, biex il-proġetti li jsiru, isiru bl-aħjar mod.

Matul din is-sena tkompla l-proġett fuq is-sistema tad-dawl tal-koppla u tal-Knisja Arċipretali minn barra. Wara li fix-xhur li għaddew ġiet fi tmiemha l-parti tal-manutenzjoni u ż-żebgħa tal-koppla, kien imiss li kemm il-koppla u kemm il-knisja minn barra jinxtegħlu bl-aħjar mod. Għalhekk, fix-xhur li għaddew ġie rivedut u aġġornat id-disinn propost għas-sistemi tad-dawl - ferjali u festiva - biex inkunu konformi ma' dak li ġie mitlub minna mill-awtoritajiet konċernati biex b'hekk f'dawn l-aħħar ġimgħat inbeda x-xogħol propju tal-installazzjoni tad-dawl. Nittamaw li dan il-proġett ikun lest f'qasir żmien biex nibdew ingawduh ma ndumux. Nirringrazzja mill-ġdid lil dawk kollha li kontinwament jagħtu l-għajnuna finanzjarja tagħhom biex dan il-proġett ta' spiża kbira - madwar €600,000 - isir bl-aħjar mod possibbli. Fil-ġimgħat li għaddew, bl-għajnuna tal-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar, il-Parroċċa bbenefikat minn somma ta' €82,000 permezz ta' skema ta' fondi (Development Planning Fund) maħruġa mill-Awtorità tal-Ippjanar.

Din is-sena wkoll, meta fakkarna l-40 anniversarju minn meta ġiet maħduma fil-kartapesta l-vara ta' Ġesù Redentur mill-artist Alfred Camilleri Cauchi, ġew inawgurati erba' brazzi ġodda għal fuq il-bradella ta' din il-vara devota. Id-disinn ta' dawn il-brazzi sar minn Silvio Pace u x-xogħol fil-metall inħadem mill-Għawdxi Joseph Vella. Il-globi tal-ħġieġ bit-tema tal-kuruna tax-xewk inħadmu fir-Repubblika Ċeka, ħajr lil Ivan Scerri tal-koordinazzjoni tiegħu. Hemm ukoll il-ħsieb li jinħadmu brazzi bl-istess kunċett għal mal-vara tad-Duluri u l-Vara l-Kbira.

Proġett ieħor importanti u għal qalb il-Parroċċa tagħna huwa l-proġett tal-bankun u l-bradella l-ġodda tal-vara titulari ta' San Sebastjan. Dan ix-xogħol qed isir b'ħila, professjonalità u preċiżjoni kbira mill-voluntiera Qriema Frankie Attard, Stephen Borg u George Psaila. Wara d-diskussjonijiet meħtieġa, iffissajna data li fiha se jiġi inawgurat dan il-proġett: fil-festa tal-2026 meta l-Parroċċa tkun għaddejja biċ-ċelebrazzjonijiet tad-90 anniversarju mit-twaqqif tagħha.



Erba' brazzi ġodda mal-vara ta' Ġesù Redentur



Ħasil fil-fidda ta' kalċi antik



Ħasil fil-fidda ta' sett truċetti u erba' gandlieri żgħar



Ħasil fil-fidda ta' par impulluzzi u pissidi



Bambin tal-Epifanija tax-xema' u statwa tal-Kunċizzjoni tal-ġibs



Inkwatru antik tal-Volto Santo

Proġetti riċenti oħra fil-Knisja Arċipretali jinkludu wkoll numru ta' xogħlijiet ġodda u anke ta' restawr u konservazzjoni fuq opri antiki. Fix-xhur li għaddew ġew imnaddfa u maħsula fil-fidda r-raġġiera, is-sejf, is-sandli, il-kuruna tax-xewk u l-imsiemer li jżejnu lill-vara ta' Marija Addolorata matul is-sena. Dan ix-xogħol sar mill-kumpanija Tarcisio Cassar taż-Żejtun. Inħietu wkoll *covers* ġodda biex ngħattu s-sitt lanterni primi tal-fidda li jintużaw fil-festa, żewġ pari akkolti u l-bankun u l-bradella tar-Redentur. Dawn saru b'mod volontarju minn Salvu Magri. Maria Faenza ħadmet b'mod volontarju żewġ bukketti tal-fjuri magħmulin bil-lewlu biex jitpoġġew fil-Kappella tas-Sagrament - wieħed fuq il-gradenzina tal-ġenb u ieħor fuq il-mensola ta' taħt it-tabernaklu. Karl Camilleri rregala stola Rumana rrakkmata fuq il-bellus aħmar bis-simboli ta' San Sebastjan u palla bajda rrakkmata b'simboli Ewkaristiċi. Nirringrazzja lill-familja Cuschieri li rregalaw żewġ tapiti kbar biex jintramaw fuq il-presbiterju. Matul din is-sena ġew ukoll maħsula l-purtieri tan-niċċa tal-vara titulari ta' San Sebastjan Martri.

Ix-xahar li għadda twaħħlu żewġ lapidi kommemorattivi mal-ġenb taz-zuntier tal-Knisja Arċipretali (ħdejn l-istatwa tal-Madonna ta' Lourdes) biex ifakkru l-ħidma kbira u dedikata tal-ex-Kappillan Dun Walter Cauchi u Mons. Dun Joe Borg fil-proġett tal-qniepen li s-sena li għaddiet iċċelebrajna l-25 anniversarju mill-wasla tagħhom. Il-lapida l-oħra tfakkar il-benefatturi kollha li taw il-kontribut tagħhom biex dan il-proġett kbir seta' jsir. Dawn il-lapidi ġew imwaħħla biex jikkumplimentaw lapida oħra li kienet twaħħlet fl-okkażjoni tal-wasla u t-tberik tal-qniepen minn Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca fl-1998. Din il-lapida sar ukoll xogħol ta' tindif fuqha. Ix-xogħol sar mill-marmista Aaron Pisani, iben il-mibki marmista Ronald Pisani.

Nixtieq nieħu l-opportunità biex nirringrazzja lil diversi familji li matul is-sena jagħtuna diversi bċejjeċ ta' għamara u fajjenza. Dawn insibuhom utli biex narmaw bihom is-swali tal-Kripta u l-Uffiċċju Parrokkjali jew biex nerfgħu xi affarijiet fihom. Fix-xhur li għaddew inxtraw ukoll sett fannijiet ġodda għall-Kripta minħabba li ta' qabilhom ma baqgħux jaħdmu sew.

Riċentement, is-Sur Jurgen Debono ħa inizjattiva sabiħa u impenjattiva li jorganizza arkivju mużikali tal-Parroċċa billi jiġbor u jorganizza volumi ta' mużika. Kif jixraq, fost oħrajn, se nsibu l-mużika kollha tal-mibki Dun Ġwann Bugeja li nkitbet għall-Parroċċa tagħna fis-seklu l-ieħor. Fix-xhur li ġejjin din il-ħidma se tkompli biex il-wirt mużikali li ħallewlna missirijietna mhux biss nerġgħu nibdew nisimgħuh imma wkoll nippreservawh ħalli ta' warajna jgawdu minnu bl-aħjar mod possibbli. Matul is-sena li għaddiet, bil-għajnuna teknika ta' Fr Carl Sultana, ġew irrekordjati b'mod diġitali l-kummentarji kollha li jintużaw waqt il-purċissjonijiet li jsiru matul is-sena fil-Parroċċa.

Matul din is-sena saru wkoll diversi proġetti varji fil-Knisja ż-Żgħira. Il-proġett l-aktar ewlieni bħalissa huwa dak tar-restawr u l-induratura fuq l-armar tal-festa tal-artal maġġur. Minn dan il-proġett din is-sena għandna lesti tliet karti-glorja tal-injam, il-fjokk tal-kanopew, il-leġiju u l-ventartal. Interessanti li l-ventartal tal-injam, maħdum għall-festa tal-1891, se jkun qed jintrama mill-ġdid wara li fis-snin 90 tas-seklu l-ieħor inħarqet parti sostanzjali minnu f'inċident li sar fl-istess knisja. Ix-xogħol fuq dan il-proġett qed isir miż-żagħżugħ Żurrieqi Carmel Cassar. Għalhekk, issa baqa' jsir ix-xogħol fuq sitt gandlieri u l-gandlier

tas-salib tal-prima, sitt gandlieri tas-sekonda u sitt statwi. Jonqos ukoll il-fjuretti tal-ganutell li bdew jinħadmu volontarjament minn Sylvia Cassar. Hemm il-ħsieb li jibdew jinħadmu gwardarobbi addattati ħalli dan l-armar ikun jista' jintrefa' fihom biex b'hekk nibżgħu għalih bl-aħjar mod. Nirringrazzja lil kull min jagħti l-kontribut tiegħu, anke permezz tal-lotterija li ssir darba fix-xahar mill-grupp tal-ġbir ta' fondi għal dan il-għan, biex għandna somma sabiħa miġbura għal dan il-proġett. Nixtieq nirringrazzja b'mod partikulari lil benefettriċi kbira ta' dan il-proġett, Pauline Cassar, li kontinwament tagħti l-għajnuna tagħha.

Fi Frar iżżanżnet raġġiera tal-injam biex tintrama wara tużellina antika li wkoll ġiet restawrata u indurata fis-snin riċenti. Din ir-raġġiera nħadmet minn Raymond Ellul u se tkun qed tiġi ndurata bid-deheb biex b'hekk tkun tikkumplimenta mat-tużellina li tintrama magħha. Inħadmu par fjuretti tad-drapp fuq stil tradizzjonali biex jintramaw fuq iż-żewġ sopraporti tal-presbiterju fl-Għid il-Kbir u fil-festi Ewkaristiċi. Fuq l-artali tal-ġnub inħadmu sett fjuretti bl-istess teknika u kif ukoll żewġ girlandi għall-istatwi tad-Duluri u tal-Ecce Homo li jinsabu fin-niċeċ fuq wara tal-knisja. Ix-xogħol fuq dawn il-fjuretti u l-girlandi sar kollu b'mod volontarju minn Maria Faenza. Wara ħafna snin, fil-festi Ewkaristiċi li għaddew, reġa' ddendel mal-pilastri maġġuri parti mid-drapp l-antik li kien jintrama fil-festi fil-passat.

Ġew maħsula fil-fidda diversi oġġetti li jintużaw waqt iċ-ċelebrazzjonijiet tal-liturġija, fosthom kalċi, pissidi, par impulluzzi, sitt truċetti li jintramaw fil-festa, żewġ pari gandlieri żgħar li jintramaw fuq l-artali tal-ġnub fil-festa u par ex-voto antiki f'forma ta' qalb li tpoġġew fin-niċeċ tad-Duluri u tal-Ecce Homo fuq wara tal-knisja. Sar ukoll ir-restawr fuq Bambin tal-Epifanija antik tax-xema' li ġie rregalat minn Anna Ellul u li mill-Milied li għadda beda jintrama fuq l-artal maġġur fil-ġranet tal-Milied u l-Kwaranturi Solenni. Carmen Mangion ħietet libsa ġdida għal dan il-Bambin flimkien ma' xi xogħlijiet oħrajn għall-istess knisja.

Virginia Camilleri rregalat statwa antika tal-ġibs tal-Immakulata Kunċizzjoni. George Tabone għoġbu jirregala inkwatru antik tal-Volto Santo u l-familja Baldacchino taw ukoll inkwatru antik bix-xbieha tad-Duluri. Irregalajt niċċa antika tal-injam bix-xbieha tal-kartapesta tal-Volto Santo biex tintrama fil-knisja fil-ġranet tar-Randan u l-familja Agius irregalaw niċċa simili bix-xbieha tal-Madonna ta' Fatima. Familja oħra mill-Parroċċa tagħna rregalaw ukoll orgni żgħir li tqiegħed fil-gallarija tal-orgni ħalli jkun jista' jintuża waqt iċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi li jsiru fil-Knisja ż-Żgħira. Dan indaqq l-ewwel darba fil-bidu tal-purċissjoni ta' Ħadd il-Palm li għadda li tibda minn din il-knisja.

Fix-xhur li għaddew ġiet imdawla b'sistema ġdida x-xbieha tal-ġisem ta' Kristu mejjet ('tal-ġogi') li hemm fl-artal tar-Redentur. Saret ukoll manutenzjoni fis-sistema elettrika tal-knisja inklużi fil-brazzi u n-niċeċ minħabba li biż-żmien id-dawl antik intefa u ma baqax juri sew. Fis-sagristija ġiet imdendla linfa tal-kristall biex iddawwal b'mod aħjar.

Matul din l-aħħar sena, il-Parroċċa ħadet ħsieb li jitkomplew ukoll diversi proġetti u xogħlijiet ta' manutenzjoni fiċ-Ċentru Parrokkjali. Inġabru l-istimi meħtieġa għall-proġett tal-entratura tan-naħa ta' Triq San Dwardu li għandha diversi ħsarat u qed tħalli ħsarat ukoll fil-kamra li tiġi taħtha. Ix-xogħol fuq dan il-proġett se jibda fil-ġimgħat li ġejjin. Dis-sena, il-Parroċċa akkwistat numru mhux żgħir ta' siġġijiet - madwar 400 siġġu - biex ikunu jistgħu jintużaw fis-sala tat-teatru taċ-Ċentru Parrokkjali. Bħalissa, għaddej xogħol ta' manutenzjoni fuq dawn is-siġġijiet mill-voluntiera tal-Parroċċa biex ikunu jistgħu jibdew jintużaw.

Il-ħidma tiegħi u tal-voluntiera kollha tal-Parroċċa matul din is-sena kienet għal darba oħra impenjattiva mhux ftit però ħalliet sodisfazzjon kbir. Inħarsu 'l quddiem għal sena oħra mimlija proġetti u xogħlijiet oħrajn li eventwalment iħallu riżultati sbieħ u mixtieqa. Nirringrazzja b'mod speċjali lill-voluntiera kollha, miż-żgħir/a sal-kbir/a, li matul is-sena kollha jagħtu d-daqqa t'id tagħhom fejn meħtieġ. Inħeġġeġ ukoll mill-ġdid lil aktar nies sabiex jingħaqdu fil-ħidma tal-knejjes tal-Parroċċa tagħna u flimkien magħna jagħmlu din l-esperjenza sabiħa fid-Dar ta' Alla għall-akbar glorja tiegħu!

Minn qalbi nawgura lilkom u lill-familji tagħkom il-festa t-tajba!

**Renald Fenech**










For all you Furniture Installation needs, ensuring your furniture is installed flawlessly, efficiently and on time!

SeventeenServices  seventeen.malta@gmail.com  79092078

Deal frenzy



Triq Bertu Hyzler, Qormi

Open Tuesdays and Thursdays 5:00pm to 7:30pm

DealFrenzy  dealfrenzymalta.com  99726874


SG
SOLUTIONS
RETAIL
ENTERPRISE
OFFICE
+356 2144 2123
www.sgsolutions.com.mt
sales@sgsolutions.com.mt
For everything Apple.
iCentre
The QUAD Central | 2144 2134 | www.icentre.com.mt
Premium
Partner

# Dawl Ġdid u Sostenibbli għall-Knisja Arċipretali

*Il-proġett tas-sistema tad-dawl tal-Knisja Arċipretali minn barra*

Il-knisja Arċipretali ta' San Sebastjan Martri f'Ħal Qormi hija xempju arkitettoniku b'disinn uniku fil-qalba ta' Malta. Binja hekk monumentali jixraq li titgawda mhux biss binhar imma anki billejl. Wara diversi snin minn meta nbniet u wara numru ta' proġetti li sebbħuha, inħaseb biex din il-knisja tiġi mżejna b'sistema ta' dawl minn barra li tikkumplimenta l-kobor tagħha.

Altern Limited ġiet fdata bid-disinn u l-implimentazzjoni ta' sistema kompluta ta' dawl li mhux biss tenfasizza d-dettalji arkitettoniċi tal-knisja iżda wkoll tagħti importanza lill-effiċjenza tal-enerġija u s-sostenibbiltà tad-dwal infushom. Il-bilanċ bejn l-aspett estetiku tal-binja u l-funzjonalità tad-dwal huma fil-qalba tal-missjoni tal-proġett. Id-disinn arkitettoniku uniku tal-knisja ta' San Sebastjan offra ħafna opportunitajiet imma anke diversi sfidi biex jitwettaq dan il-proġett. Waħda mill-akbar sfidi hija l-illuminazzjoni tal-koppla b'mod li tenfasizza s-sbuħija unika li fiha mingħajr ma tikkomprometti l-istruttura delikata tagħha.

Biex il-koppla tiġi mdawla kompletament u b'mod sabiħ se jiġu użati żewġ tipi ta' dwal. Uħud mid-dwal se jkunu installati f'postijiet strateġiċi fiż-żona tal-lanterna u fil-bażi tal-koppla. Dawn id-dwal se joħorġu l-karatteristiċi distintivi tal-arkitettura tal-koppla. Barra minn hekk, se jintużaw arbli ta' 12-il metru li se jitpoġġew mad-dawra tal-knisja. Dawn se jiġu mgħammra bi dwal speċjalizzati biex idawlu l-koppla mill-bogħod. Id-dwal huma ddisinjati biex inaqqsu t-tixrid tad-dawl lil hinn mill-koppla. Sfida oħra li kienet fuq l-aġenda tad-disinn sa mill-bidu nett tal-proġett hija n-nuqqas ta' aċċess għal-lanterna tal-koppla. Dan wassal biex sar disinn li jimminimizza l-manutenzjoni u jimmassimizza t-tul


*Sistema Ferjali*


*Sistema Festiva*

tal-ħajja tad-dwal installati fuq il-lanterna. Altern, wara diskussjonijiet ma' esperti tekniċi lokali u barranin, ħarġet b'kunċett tekniku li bħalissa qed jiġi implimentat fuq il-post.

L-ammont ta' dwal li se jiġu installati f'dan il-proġett huwa kemmxejn inqas minn 500. Dawn kienu kollha magħżula bir-reqqa minn Altern fejn ingħatat importanza għall-għażla tal-materjal u t-teknoloġija. Fil-proġett se jintużaw b'kollox madwar 4 kilometri ta' linji tad-dawl elettriku li jinkludu dawk li jwasslu l-enerġija fid-dwal u dawk li jintużaw għall-kontroll tagħhom. Se tkun qed tiġi installata s-sistema DALI (Digital Addressable Lighting Interface) li tkun tista' tiġi kkontrollata faċilment permezz ta' touchscreen. Din is-sistema tippermetti l-ħolqien ta' diversi xeni ta' dawl li jakkomodaw avvenimenti u okkażjonijiet varji li jsiru fil-Knisja matul is-sena liturġika. Billi tippermetti kontroll preċiż fuq kull waħda mid-dwal, is-sistema DALI mhux biss ittejjeb l-esperjenza viżwali iżda wkoll tiżgura li f'dan il-proċess ma tinħeliex enerġija elettrika u b'hekk tnaqqas l-impatt tal-karbonju. Fl-iżvilupp ta' din is-sistema sar enfasi biex fil-futur is-sistema tibqa' sostenibbli. L-għażla tal-materjal, il-pożizzjoni tal-apparat tad-dwal u l-integrazzjoni ta' sistema avvanzata ta' kontroll, kollha jikkontribwixxu biex is-sistema tad-dawl tiġi bżonn manutenzjoni mill-inqas u tkun ukoll tiflaħ għall-effett taż-żmien. Dan jiżgura li l-knisja ta' San Sebastjan tibqa' tgawdi minn din is-sistema għal ħafna snin.

Dan il-proġett se jkompli jsebbaħ il-knisja b'sistema avvanzata li tagħti prijorità lis-sostenibbiltà u l-effiċjenza fl-enerġija filwaqt li tippreserva s-sinifikat arkitettoniku tal-knisja. Il-proġett huwa wkoll xempju per eċċellenza ta' x'jista' jinkiseb permezz ta' kollaborazzjoni, esperjenza u impenn. Permezz tal-isforzi tagħna u ta' dawk kollha nvoluti, il-knisja ta' San Sebastjan mhux biss se tkun sors jiddi ta' dawl spiritwali iżda wkoll mudell ta' teknoloġija moderna u sostenibbli.

**Matthew Spiteri**
*Inġinier*





Conti's
24hr
FUNERAL
SALES
&
SERVICES
WE OFFER:
FLOWERS
COFFINS
CARS
HEARSE
HOLY PICTURES
GRAVE CLEANING
CHOIR
EMBALMING
CREMATION
SEA BURIAL
7744 2222
victorconti3@gmail.com
Conti's Funeral Services

# Il-Proġett tal-Istatwa l-Ġdida ta' San Sebastjan għat-Tfal



Biċċa xogħol li ser inkun qed naħdem biex, jekk il-Bambin irid, tiżżanżan f'Jannar li ġej, ix-xahar li fih tiġi ċċelebrata l-festa tant għażiża għall-Qormin, hija l-istatwa ta' San Sebastjan Martri għat-tfal.

Bħalma qed naraw fir-ritratt, ħdimt buzzett bi preparament għall-imsemmija statwa. L-istatwa, ta' qies imdaqqas, li se tiġi merfugħa mit-tfal għat-tfal, turi lill-martri San Sebastjan ippreżentat bis-simboli tal-martirju, liebes kostum Ruman u fuq ġenb minnhom f'kuntatt maz-zokk li miegħu ġie marbut u flaġellat. Il-palma, simbolu tal-martirju, u l-elmu maġenb saqajh juru qima u devozzjoni. Din ix-xbieha se tkun maħduma fil-mument li fih, il-qaddis se jiġi marbut maz-zokk qabel l-ewwel martirju tiegħu. Bħalma għamilt fi statwi preċedenti li jinġarru mit-tfal, dejjem nitlaq mill-ħsieb li l-istatwa tkun effettiva u li twassal messaġġ b'sempliċità imma li fuq kollox tiġbed l-attenzjoni tat-tfal biex jirrelataw mal-istorja tal-qaddis.

Minħabba ċirkustanzi li nqalgħu, din l-istatwa ġiet ipposponuta biex tiġi inawgurata għall-festi li jiġu ċċelebrati f'Jannar. Nirringrazzja mill-qalb lill-Kan. Arċipriet Dun Ewkarist Zammit tal-kooperazzjoni tiegħu u wkoll li dejjem emmen fix-xogħol tiegħi. Inħares 'il quddiem biex fi ftit xhur oħra, din tkun biċċa xogħol oħra li titgawda mill-komunità Bastjaniża flimkien mal-istatwa ta' San Pawl li kont ħdimt lura fis-sena 2022 għall-istess Parroċċa.

Nawguralkom il-festa t-tajba!

**Michael Cutajar Zahra**
*Artist*





TA' GANZA
ground floor for DETERGENTS / TOILETRIES
first floor for FOOD Section / BABY Section / HOME Section
FREE DELIVERY OVER EURO100
TA' GANZA CASH & CARRY - QORMI
MDINA ROAD
T. 2146 5773

# Growing Together

*Grupp Ġdid għall-Għarajjes u Miżżewġin Ġodda*







Il-grupp GROWING TOGETHER twaqqaf fl-2023 b'għan importanti ħafna - li jgħin lil koppji għarajjes li jinsabu fit-tħejjija għaż-żwieġ u biex isostni lill-koppji li għadhom fil-bidu taż-żwieġ tagħhom. Il-grupp beda minn xewqa li kellhom ħames koppji żgħażagħ li temmew il-kors ta' Kana fejn dawn urew ix-xewqa li jibqgħu jiltaqgħu darba fix-xahar biex ikollhom aktar sostenn u formazzjoni fil-ħajja tagħhom bħala għarajjes u kif ukoll ladarba jingħaqdu fis-Sagrament taż-żwieġ.

Dan isir billi l-laqgħat tagħna jkunu f'forma ta' diskussjoni fejn naqsmu mal-oħrajn l-esperjenzi tagħna u fuq kollox nitolbu lil Alla biex imexxina 'l quddiem fil-ħajja tagħna. Bħalissa għandna madwar tlettax-il koppja minn Parroċċi differenti li qed jattendu. Dan il-grupp jiltaqa' darba fix-xahar, normalment fiċ-Ċentru Parrokkjali, u l-laqgħat ikunu b'temi varji li koppja jista' jkun li tiltaqa' magħhom fil-ħajja miżżewġa ta' kuljum.

Dawk interessati jistgħu jagħmlu kuntatt ma' dan il-grupp fuq il-paġna soċjali ta' Facebook tal-grupp jew billi tagħmlu kuntatt fuq in-numri 9943 9866 / 9946 3430.


LEXLEX
ELECTRICAL I PLUMBING I MAINTENANCE
Lexlex Installation provides all services regarding electrical and plumbing with all qualifications and experience...
Jean Paul Micallef
A&B Authorised Electrician
7996 0620
lexlexinstallation@gmail.com
Lexlex Installation

# Il-Jum Dinji taż-Żgħażagħ 2023

## *Is-Sehem tal-Grupp taż-Żgħażagħ IMPACT*

F'Awwissu 2023, tmien membri mill-grupp taż-żgħażagħ tal-Parroċċa IMPACT ingħaqdu flimkien ġewwa Lisbona fil-Portugall biex ikunu parti mill-Jum Dinji taż-Żgħażagħ - avveniment organizzat mill-Knisja Kattolika għaż-żgħażagħ kollha li nbeda mill-Papa Ġwanni Pawlu II fl-1985 bil-għan li eluf ta' żgħażagħ jingħaqdu f'post wieħed jiċċelebraw il-fidi nisranija u jilqgħu l-kelma tal-Papa.

Il-ġimgħa li qattajna waqt il-Jum Dinji taż-Żgħażagħ kienet esperjenza indimentikabbli fejn bħala grupp kellna l-opportunità niltaqgħu ma' nazzjonijiet differenti f'belt waħda. Lisbona mtliet b'komunità żagħżugħa ta' talb, spirtu ferrieħi, fidi, twemmin, għaqda u diversità f'isem il-Mulej. Bħala grupp ngħożżu żewġ messaġġi b'saħħithom li tenna l-Papa Franġisku fejn b'mod ċar qal: "Fil-ħajja xejn mhuwa b'xejn, kollox għandu prezz. Ħaġa waħda biss hija b'xejn, l-imħabba ta' Alla!", u "Ħbieb, jekk Ġesù jsejħilkom b'isimkom, għaliH intom m'intomx numru imma wiċċ u qalb!" – żewġ messaġġi li missewlna qlubna u li bihom għarafna kemm hi imprezzabli l-imħabba li Alla għandu għalina.

Qalb ħafna allegrija, entużjażmu, ferħ, paċi u talb minn miljun u nofs żagħżugħ u żagħżugħa, bħala grupp kellna x-xorti li nagħżlu membru minn tagħna biex jippreżenta l-bandiera Maltija lill-Papa f'isem il-Maltin kollha. Li tkun fuq il-palk għal dawk il-ftit sekondi u tara quddiemek lil eluf kbar ta' nies u ftit metri 'l bogħod minnek tara lill-Papa nnifsu jitbissem u jċapċap għalik u għal pajjiżek kien mument ta' sodisfazzjon u ferħ għalina u għal kull membru li rrappreżenta lill-Maltin kollha.

Fuq kollox, il-ġimgħa tal-Jum Dinji taż-Żgħażagħ kienet esperjenza li bħala grupp ser ngħożżu f'qalbna, esperjenza li kabbritilna l-fidi tagħna, esperjenza li laqqgħatna ma' lezzjonijiet ġodda, esperjenza li tatna tama għall-futur - futur ta' żgħażagħ bit-twemmin f'Alla għal soċjetà tajba.

**Ruth Barbara**
***Kordinatriċi***





DOM Transport Ltd
MOVING YOUR LIFE
WITH CARE...
TO ANYWHERE!
REMOVALS
PACKING
SHIPPING
STORAGE
INSURANCE
DESTINATION AGENTS
Drama Street
Qormi QRM 2636
Malta
+356 2148 8953
info@domtransportmalta.com
www.domtransportmalta.com

# Ir-Relikwarju ta' San Sebastjan Martri

## *Ir-relikwarju Milaniż u d-disinji ta' Vincenzo Bonello*

Ir-relikwi għandhom post importanti fil-qima li l-insara jagħtu lill-qaddisin. Dari, in-nisrani devot kien iżomm f'daru b'ċerta qima dawn ir-relikwi li aktarx kienu jitqiegħdu f'xi gwarniċ flimkien maċ-ċertifikat ta' awtentifikazzjoni maħruġ minn xi awtorità ekkleżjastika. Drabi oħra kont issibhom imqiegħda f'relikwarju li xi wħud minnhom kienu anke rikki u mżejna b'ħaġar prezzjuż. Naturalment kont issib relikwi f'għadd ta' knejjes, fejn allura kienu jinħarġu fil-purċissjoni tal-festi. Bosta minnhom kienu ta' valur artistiku konsiderevoli.



**Relikwarju ta' San Sebastjan Martri** - ***Knisja Arċipretali ta' San Sebastjan Martri, Ħal Qormi. 1961 - Skola Beato Angelico, Milan***

Il-Parroċċa ta' San Sebastjan f'Ħal Qormi, fl-ewwel 25 sena tagħha (1936-1961) ma kellhiex relikwarju propju tagħha biex jintuża fit-Tranżlazzjoni u waqt il-purċissjoni tal-festa titulari. L-ewwel kappillan, Dun Alwiġ Psaila, kien għalhekk ħafna drabi jiddobba xi relikwarju minn xi entità ekkleżjastika biex jintuża waqt il-festa. Kien imbagħad it-tieni kappillan, Dun Ġużepp Cauchi, li ħa ħsieb li l-Parroċċa jkollha relikwarju tagħha biex jintuża waqt il-festi ad unur San Sebastjan. Skont Dun Ġwann Bugeja, wieħed mis-saċerdoti ewlenin fil-Parroċċa, Dun Ġużepp Cauchi kien viċi-kappillan mal-kappillan Psaila u kien ilmenta minn dan in-nuqqas fil-Parroċċa. Għalhekk, hekk kif Dun Ġużepp inħatar it-tieni kappillan beda jaħseb biex jirrimedja għal dan in-nuqqas.

Kien fl-1961 li dan il-proġett seħħ meta r-relikwarju, li għadna nużaw sal-lum, inħadem għand id-ditta Beato Angelico ta' Milan. Minn dik is-sena beda jintuża regolarment f'kull festa li ssir fil-Parroċċa ad unur San Sebastjan, sew f'dik liturġika tal-20 ta' Jannar kif ukoll fil-festa titulari f'Lulju ta' kull sena. Fil-kotba u r-rendikonti tal-Parroċċa għadni kif sibt li l-kappillan Cauchi ħallas is-somma ta' £356.10s għal dan ir-relikwarju, bil-flus tal-lum ekwivalenti għal €420.67 li għal dak iż-żmien kienet somma konsiderevoli. Għadna ma nafux jekk il-kappillan Cauchi għamilx xi ġabra speċjali biex ikopri din l-ispiża jew kellux xi benefattur/i speċifiċi. Nafu però li dan ir-relikwarju wasal fil-Parroċċa nhar il-Ħadd 2 ta' Lulju 1961 u tbierek minn Mons. Arċisqof Mikiel Gonzi qabel it-Tranżlazzjoni fit-8 ta' Lulju 1961, lejliet il-festa titulari, li dik il-ħabta kienet għada ssir fit-tieni Ħadd ta' Lulju.

Ir-relikwarju hu xogħol irfinut u sabiħ ta' arti maħdum minn artist li għadna ma sibniex min hu. Ta' min jgħid li d-ditta Beato Angelico ta' Milan kienet u għadha ditta li toffri



**Disinji u proposti ta' Vincenzo Bonello (1891-1969)**

lill-artisti li għadhom qed jibdew, l-opportunità li taħt gwida professjonali jiżviluppaw l-arti tagħhom. Ir-relikwarju, għoli 50 ċentimetru, hu magħmul mill-fidda u maħsul bid-deheb. F'forma ottangulari, jinkorpora fih ukoll avorju kif ukoll 107 ħaġriet prezzjużi. Fuq din il-bażi, l-artist, aktarx fuq struzzjonijiet tal-kappillan Cauchi, irrafigura erba' ġrajjiet mill-ħajja ta' San Sebastjan: it-tkissir tal-allat foloz, il-fejqan ta' Kromazju, il-qaddis ifejjaq lil matrona Rumana u San Sebastjan quddiem Dijoklezjanu. Imbagħad fuq dan kollu hemm kolonna tal-avorju li fiha hi minquxa x-xbieha ta' San Sebastjan imdawwar mis-suldati Rumani. Fuq din il-kolonna hemm it-teka li fiha hemm ir-relikwa ta' San Sebastjan li tinsab imdawra minn erba' kolonni tal-avorju. Fuq kollox hemm templett li jistrieħ fuq dawn l-erba' kolonni u li għandu koppla kwadrata mdawra minn għadd ta' ħaġar prezzjuż. Fuq nett tinsab pallina magħmula minn kornjola (ħaġra ħamra) u salib bejn żewġ palmiet.

Jidher li dak iż-żmien, jew l-istess kappillan jew il-Kurja, għamlu tentattiv sabiex ir-relikwarju jinħadem minn artist Malti. Billi dik il-ħabta Vincenzo Bonello (1891-1969) kien midħla sew tal-Kurja, allura aktarx ġie avviċinat biex jagħmel xi disinji jew proposti tiegħu. Dawn id-disinji ta' Vincenzo Bonello baqgħu qatt ma ġew attwati u llum jinsabu fil-Mużew Wignacourt tar-Rabat fost il-kollezzjoni tal-artist li kienu ġew irregalati lil dan il-mużew minn ibnu, l-Imħallef Emeritu Giovanni Bonello. Il-proposti ta' Bonello huma iktar ta' stil barrokkali fejn jispikkaw ħafna l-vleġeġ (is-simbolu tal-martirju ta' San Sebastjan). Fi tnejn mill-proposti, l-artist inkluda anki l-elmu, li jidher li hu fuq l-istil ta' dak li hemm fil-vara titulari, u fi proposti oħra inkluda wkoll il-palm u l-kuruna tal-martri, ispirati mill-kwadru titulari ta' San Sebastjan Martri, xogħol Lazzaro Pisani li jinsab fil-Knisja ż-Żgħira.

**Referenzi**


BUGEJA U GRIMA: Minn Ġrajjet il-Parroċċa San Sebastjan, Ħal Qormi (2007), p. 57

Arkivju Parrokkjali Parroċċa San Sebastjan: Esito Veneranda Lampida, 1936-1963; Lulju 1961, p. 332

MUŻEW WIGNACOURT, RABAT: ħajr lis-Sur Joseph Scerri, arkivista, li ġibidli l-attenzjoni u għaddieli kopja tad-disinji tar-relikwarji fil-kollezzjoni ta' Vincenzo Bonello


**Vincent Peresso**
*Storiku*


BMS
bms
Building Materials Supplies Ltd.
Mdina Road
Qormi
QRM9011
Tel: +356 21 466668 21 466669
email: bmsltdmalta@gmail.com
clever
Pure
Ultrafiltration water treatment unit
Enjoy great tasting, crystal clear drinking water, with all the beneficial minerals.
• No electricity!
• No wastage!
• No plastic!
• Free delivery
• Free installation*
*Terms and conditions may apply
NOW
~~€213.00~~
€128.00
When you apply for Government grant
No electricity is required
No plastic bottles
No water is wasted
Filters are easy to change
Compact shape
Retains minerals
LED display
Leak-proof system
PP
Polypropylene
Filters particles, sediment, rust and sand
Lasts: 12 months
C1
Pre-Carbon
Reduces chlorine and absorbs small particles 1 µm
Lasts: 12 months
C2
Post-Carbon
Eliminates odours and bad taste from water
Lasts: 12 months
UF
Ultrafiltration
Filters out organisms and bacteria 0.02 – 0.1 µm
Lasts: 24 months

TA` DERNIS PROPERTIES

# NEW ON THE MARKET

We have properties in Gudja, Marsascala, San Pawl, Qawra, Birkirkara, Birżebbuġa, Għargħur, Ibraġġ, Swieqi, Sta. Venera, Mġarr, Mosta, Mellieħa, Qrendi, Qormi, Żurrieq, Xgħajra.



ŻURRIEQ



XGĦAJRA



ATTARD



FLEUR-DE-LYS

**WE ARE FLEXIBLE TO YOUR NEEDS**

128, Triq San Bartolomew, Qormi, QRM 2184
M. 9986 0983 - E. info@tadernis.com
W. www.tadernis.com


TRADE FAIR OFFERS
The best offers under one roof
Up to 50% OFF
Visit atoz.com.mt
Present this magazine in our Pavi outlet to get a €10 discount on your purchase.
€10 Discount
Sale Order NO.:
Assisted BY:
The coupon will be valid until 14/10/2024, it is not exchangeable for cash and cannot be used in conjunction with other discount vouchers. Terms & Conditions Apply.

